



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0316/2023**

30.10.2023

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti u li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394, id-Direttivi (UE) 2019/771 u (UE) 2020/1828 (COM(2023)0155 – C9-0117/2023 – 2023/0083(COD))

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Rapporteur: René Repasi

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura  
Sunčana Glavak, Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	53
ANNEX: LISTA TAL-ENTITAJET JEW IL-PERSUNI LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT .....	55
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL .....	56
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	95
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	96



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti u li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394, id-Direttivi (UE) 2019/771 u (UE) 2020/1828**

**(COM(2023)0155 – C9-0117/2023 – 2023/0083(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0155),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0117/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0316/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup> għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li tikseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika, din id-Direttiva ssegwi l-objettiv li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li tippromwovi konsum aktar sostenibbli, u b'hekk tikkomplementa l-objettiv tad-Direttiva (UE) 2019/771.

---

<sup>12</sup> Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28).

## **Emenda 2**

### **Proposta għal direttiva**

#### **Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Sabiex jitnaqqas ir-rimi prematur ta' oġġetti vijabbli mixtrija mill-konsumaturi u biex il-konsumaturi jiġu mħeġġa jużaw l-oġġetti tagħhom għal aktar żmien, huwa meħtieġ li **jiġu stabbiliti regoli dwar it-tiswija ta' dawn l-oġġetti**. It-tiswija jenħtieġ li tirriżulta f'konsum **aktar sostenibbli**, peress li x'aktarx tiġġenera ammont anqas ta' skart ikkawżat minn oġġetti mormija, inqas domanda għar-riżorsi, inkluża l-enerġija, ikkawżata mill-proċess tal-manifattura u l-bejgħ ta' oġġetti ġodda li jissostitwixxu oġġetti difettużi, kif ukoll livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Din id-Direttiva

*Emenda*

(1) Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup> għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li tikseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur **kif ukoll ċirkolarità akbar fl-ekonomija**. Fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika, din id-Direttiva ssegwi l-objettiv li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li tippromwovi konsum aktar sostenibbli, u b'hekk tikkomplementa l-objettiv tad-Direttiva (UE) 2019/771.

---

<sup>12</sup> Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28).

*Emenda*

(3) Sabiex jitnaqqas ir-rimi prematur ta' oġġetti vijabbli mixtrija mill-konsumaturi u biex il-konsumaturi jiġu mħeġġa jużaw l-oġġetti tagħhom għal aktar żmien, huwa meħtieġ li **jissaħħaħ id-dritt tal-konsumaturi għat-tiswija, li permezz tiegħu l-konsumaturi jistgħu jfittxu tiswija ta' kwalità u affordabbli mingħand il-fornitur tat-tiswija tal-għażla tagħhom**. It-tiswija jenħtieġ li tirriżulta f'konsum **sostenibbli, b'rispett tal-limiti planetarji**, peress li x'aktarx tiġġenera ammont anqas ta' skart ikkawżat minn oġġetti mormija, inqas domanda għar-riżorsi, inkluża l-enerġija, ikkawżata mill-proċess tal-

tippromwovi konsum sostenibbli bil-ħsieb li jinkisbu benefiċċji għall-ambjent filwaqt li tipproduċi wkoll benefiċċji għall-konsumaturi billi tevita kostijiet assoċjati ma' xiri ġdid fuq medda qasira ta' żmien.

manifattura u l-bejgħ ta' oġġetti ġodda li jissostitwixxu oġġetti difettużi, kif ukoll livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Din id-Direttiva tippromwovi konsum sostenibbli bil-ħsieb li jinkisbu benefiċċji għall-ambjent, **billi tippromwovi ċiklu tal-ħajja ta' prodotti li jinkludu l-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-rinnovazzjoni**, filwaqt li tipproduċi wkoll benefiċċji għall-konsumaturi billi tevita kostijiet assoċjati ma' xiri ġdid fuq medda qasira ta' żmien.

### Emenda 3

#### Proposta għal direttiva Premessa 4a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4a) L-imġiba tal-konsumatur tikkonsisti f'varjetà wiesgħa ta' aspetti. Meta wieħed jiġi biex jagħżel bejn it-tiswija u x-xiri ta' prodott ġdid, il-kriterji tad-deċiżjoni, bħall-konvenjenza ekonomika, id-durabbiltà, id-disponibbiltà u l-prossimità ta' servizz ta' tiswija, u l-ħin meħtieġ għat-tiswija għandhom rwol importanti. Diversi ostakli jistgħu wkoll jipprevjenu lill-konsumaturi milli jagħżlu t-tiswija, bħan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' tiswija ta' prodott meta jixtru oġġett, in-nuqqas ta' aċċess għall-partijiet ta' rikambju, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar is-servizzi ta' tiswija, u l-kostijiet tat-tiswija. Minbarra d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, il-miżuri biex titqajjem kuxjenza għall-promozzjoni ta' kultura ta' tiswija, it-titjib tal-għarfien tal-konsumaturi dwar il-manutenzjoni u l-attenzjoni xierqa tal-prodotti u l-għarfien tad-drittijiet eżistenti tagħhom inkluż f'termini ta' garanzija legali, kif ukoll inċentivi finanzjarji għall-konsumaturi, il-produtturi u s-sewwejja jenħtieġ li jiġu promossi u mrawma b'mod ekwivalenti.**

## Emenda 4

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 6

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Ir-rekwiżiti ta' tiswija jenħtieġ li jinkludu r-rekwiżiti kollha skont l-atti legali tal-Unjoni li jiżguraw li l-oġġetti jkunu jistgħu jissewwew, inklużi, iżda mhux limitati, għar-rekwiżiti skont il-qafas tal-ekodisinn imsemmi fir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli], biex ikopru firxa wiesgħa ta' prodotti kif ukoll żviluppi futuri **fi kwalunkwe qasam ieħor tad-dritt tal-Unjoni**.

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 7

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Sabiex il-konsumaturi jiġu meġġuna jidentifikaw u jagħżlu servizzi ta' tiswija xierqa, il-konsumaturi jenħtieġ li jirċievu informazzjoni ewlenija dwar is-servizzi ta' tiswija. Il-formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija jenħtieġ li tistabilixxi parametri ewlenin li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-konsumaturi dwar meta jikkunsidraw jekk isewwux oġġetti difettużi jew le. Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabilixxi mudell ta' format standardizzat. Format standardizzat għall-preżentazzjoni ta' servizzi ta' tiswija jenħtieġ li jippermetti li l-konsumaturi jivvalutaw u jqabblu s-servizzi ta' tiswija faċilment. Tali format standardizzat jenħtieġ li jiffaċilita wkoll il-proċess tal-għoti ta' informazzjoni dwar is-servizzi tat-tiswija, b'mod partikolari għan-negozji mikro, żgħar u ta' daqs medju li jipprovdu

##### *Emenda*

(6) Ir-rekwiżiti ta' tiswija jenħtieġ li jinkludu r-rekwiżiti kollha skont l-atti legali tal-Unjoni li jiżguraw li l-oġġetti jkunu jistgħu jissewwew, inklużi, iżda mhux limitati, għar-rekwiżiti skont il-qafas tal-ekodisinn imsemmi fir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli], biex ikopru firxa wiesgħa ta' prodotti kif ukoll żviluppi futuri.

##### *Emenda*

(7) Sabiex il-konsumaturi jiġu meġġuna jidentifikaw u jagħżlu servizzi ta' tiswija xierqa, il-konsumaturi jenħtieġ li jirċievu informazzjoni ewlenija dwar is-servizzi ta' tiswija. Il-formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija jenħtieġ li tistabilixxi parametri ewlenin li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-konsumaturi dwar meta jikkunsidraw jekk isewwux oġġetti difettużi jew le. Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabilixxi mudell ta' format standardizzat. Format standardizzat għall-preżentazzjoni ta' servizzi ta' tiswija jenħtieġ li jippermetti li l-konsumaturi jivvalutaw u jqabblu s-servizzi ta' tiswija faċilment. Tali format standardizzat jenħtieġ li jiffaċilita wkoll il-proċess tal-għoti ta' informazzjoni dwar is-servizzi tat-tiswija, b'mod partikolari għan-negozji mikro, żgħar u ta' daqs medju li jipprovdu



servizzi tat-tiswija. **Sabiex jiġu evitati piżijiet addizzjonali minħabba rekwiżiti ta' informazzjoni prekuntrattwali li jikkoinċidu, jenħtieġ li sewwej jitqies li jkun issodisfa r-rekwiżiti ta' informazzjoni korrispondenti tal-atti legali rilevanti tal-UE fejn applikabbli, jekk il-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija tkun imtliet b'mod korrett u tkun ingħatat lill-konsumatur.** L-informazzjoni fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija jenħtieġ li tingħata lill-konsumaturi b'mod ċar u li jinftiehem u f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tad-Direttiva 2019/882<sup>14</sup>.

---

<sup>14</sup> Id-Direttiva 2019/882/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17ta' April 2019 dwar rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) L-għażla libera tal-konsumatur li jiddeċiedi minn min għandu jsewwi l-oġġetti tiegħu jenħtieġ li tiġi ffaċilitata **billi l-Formola** Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija **tintalab mhux biss mingħand il-produttur**, iżda wkoll mingħand il-bejjiegħ tal-oġġetti inkwistjoni jew sewwejjja indipendenti, fejn applikabbli. Is-sewwejjja jenħtieġ li jipprovdu l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija **meta l-konsumatur jitlob dik il-formola u s-sewwej ikollu l-intenzjoni li jipprovdi s-servizz ta' tiswija, jew ikun obligat li jsewwi, biss.** Konsumatur jista' **jagħżel ukoll li ma jitlobx il-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija u**

servizzi tat-tiswija. L-informazzjoni fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija jenħtieġ li tingħata lill-konsumaturi b'mod ċar u li jinftiehem u f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tad-Direttiva 2019/882<sup>14</sup>.

---

<sup>14</sup> Id-Direttiva 2019/882/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

#### *Emenda*

(8) L-għażla libera tal-konsumatur li jiddeċiedi minn min għandu jsewwi l-oġġetti tiegħu jenħtieġ li tiġi ffaċilitata **bil-forniment volontarju tal-Formola** Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija mhux **billi tintalab biss mingħand il-produttur**, iżda wkoll mingħand il-bejjiegħ tal-oġġetti inkwistjoni jew sewwejjja indipendenti, fejn applikabbli. Is-sewwejjja jenħtieġ li jipprovdu l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija **volontarjament.** Konsumatur jista' jikkonkludi kuntratt dwar il-forniment ta' servizzi ta' tiswija ma' sewwej skont informazzjoni prekuntrattwali pprovduta b'mezzi oħra skont id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-

jikkonkludi kuntratt dwar il-forniment ta' servizzi ta' tiswija ma' sewwej skont informazzjoni prekuntrattwali pprovduta b'mezzi oħra skont id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>15</sup>

---

<sup>15</sup> Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64-88).

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Hemm sitwazzjonijiet li fihom sewwej iġarrab il-kostijiet neċessarji biex jipprovdi l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-prezz inklużi fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. **Pereżempju**, is-sewwej jista' jkollu bżonn jispezzjona l-oġġetti biex ikun jista' jiddetermina d-difett jew it-tip ta' tiswija li tkun meħtieġa, inkluża l-ħtieġa għal partijiet ta' rikambju, u biex jagħti stima tal-prezz tat-tiswija. F'dawn il-każijiet, is-sewwej ikun jista' biss jitlob lill-konsumatur iħallas il-kostijiet meħtieġa li jġarrab is-sewwej biex jipprovdi l-informazzjoni inkluża fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. F'konformità mal-informazzjoni prekuntrattwali u rekwiżiti oħra stabbiliti fid-Direttiva 2011/83/UE, jenħtieġ li s-sewwej jinforma lill-konsumatur dwar tali kostijiet qabel ma l-konsumatur jitlob il-

Kunsill.<sup>15</sup>

---

<sup>15</sup> Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64-88).

#### *Emenda*

(9) Hemm sitwazzjonijiet li fihom sewwej iġarrab il-kostijiet neċessarji biex jipprovdi l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-prezz inklużi fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. **Il-ħlas ta' dawk il-kostijiet jenħtieġ li jkun limitat għall-każijiet fejn** is-sewwej jista' jkollu bżonn jispezzjona l-oġġetti biex ikun jista' jiddetermina d-difett jew it-tip ta' tiswija li tkun meħtieġa, inkluża l-ħtieġa għal partijiet ta' rikambju, u biex jagħti stima tal-prezz tat-tiswija. F'dawn il-każijiet, is-sewwej ikun jista' biss jitlob lill-konsumatur iħallas il-kostijiet meħtieġa li jġarrab is-sewwej biex jipprovdi **din** l-informazzjoni inkluża fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. **Dawn il-kostijiet ma jridu bl-ebda mod jikkostitwixxu ostaklu għall-bqija tal-proċess tat-tiswija u lanqas ma għandu jkollhom effett dissważiv fuq it-tiswija**

forniment tal-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. Il-konsumaturi jistgħu ma **jitolbux l-Formola** Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija meta jqisu li l-kostijiet tal-formola jkunu għoljin wisq.

**b'mod ġenerali.** F'konformità mal-informazzjoni prekuntrattwali u rekwiżiti oħra stabbiliti fid-Direttiva 2011/83/UE, jenħtieġ li s-sewwej jinforma lill-konsumatur dwar tali kostijiet qabel ma l-konsumatur jitlob il-forniment tal-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. Il-konsumaturi jistgħu **jagħżlu li** ma **jirċevux il-Formola** Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija meta jqisu li l-kostijiet tal-formola jkunu għoljin wisq.

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Premessa 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Id-Direttiva (UE) 2019/771 timponi obbligu fuq il-bejjiegħa biex isewwu oġġetti f'każ ta' nuqqas ta' konformità li kien jeżisti fiż-żmien meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati u li joħorġu fid-dieher fil-perjodu ta' responsabbiltà. Skont dik id-Direttiva, il-konsumaturi mhumiex intitolati li għat-tiswija ta' difetti li jaqgħu barra minn dak l-obbligu. B'konsegwenza ta' dan, għadd kbir ta' oġġetti difettużi iżda altrimenti vijabbli jitwarrbu qabel iż-żmien. Sabiex il-konsumaturi jiġu mħeġġa jsewwu l-oġġett tagħhom **f'sitwazzjonijiet bħal dawn**, din id-Direttiva jenħtieġ li timponi obbligu fuq il-produtturi biex isewwu oġġetti li **għalihom japplikaw ir-rekwiżiti ta' tiswija imposti mill-atti legali tal-Unjoni**. Dak l-obbligu ta' tiswija jenħtieġ li jiġi impost, fuq talba tal-konsumatur, fuq il-produtturi ta' tali oġġetti, peress li huma d-destinatarji ta' dawk ir-rekwiżiti ta' tiswija. Dak l-obbligu jenħtieġ li japplika għall-produtturi stabbiliti kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni fir-rigward ta' oġġetti li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.

#### *Emenda*

(11) Id-Direttiva (UE) 2019/771 timponi obbligu fuq il-bejjiegħa biex isewwu oġġetti f'każ ta' nuqqas ta' konformità li kien jeżisti fiż-żmien meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati u li joħorġu fid-dieher fil-perjodu ta' responsabbiltà. Skont dik id-Direttiva, il-konsumaturi mhumiex intitolati li għat-tiswija ta' difetti li jaqgħu barra minn dak l-obbligu. B'konsegwenza ta' dan, għadd kbir ta' oġġetti difettużi iżda altrimenti vijabbli jitwarrbu qabel iż-żmien. Sabiex il-konsumaturi jiġu mħeġġa jsewwu l-oġġett tagħhom **f'tali sitwazzjonijiet**, din id-Direttiva jenħtieġ li timponi obbligu fuq il-produtturi biex isewwu oġġetti li **huma elenkati fl-Anness II ta' din id-Direttiva**. Dak l-obbligu ta' tiswija jenħtieġ li jiġi impost, fuq talba tal-konsumatur, fuq il-produtturi ta' tali oġġetti, peress li huma d-destinatarji ta' dawk ir-rekwiżiti ta' tiswija. Dak l-obbligu jenħtieġ li japplika għall-produtturi stabbiliti kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni fir-rigward ta' oġġetti li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. **Madankollu, l-obbligu għat-tiswija jenħtieġ li jkun proporzjonat u jqis id-disponibbiltà tal-partijiet ta' rikambju għat-tul tal-ħajja tal-prodott. Il-partijiet ta' rikambju**

*jenħtieġ li tal-inqas ikunu disponibbli għall-perjodu ta' żmien stabbilit fl-atti tal-Unjoni. Barra minn hekk, din id-Direttiva jenħtieġ li ma tpoġġix f'dubju l-libertà ekonomika tal-għażla għall-produtturi li jwaqqfu l-manifattura ta' prodott.*

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Premessa 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Peress li l-obbligu ta' tiswija impost fuq il-produtturi skont din id-Direttiva jkopri difetti li mhumiex dovuti għannuqqas ta' konformità tal-oġġetti ma' kuntratt ta' bejgħ, il-produtturi jistgħu jipprovdu tiswija għal prezz li jitħallas mill-konsumatur, għal kwalunkwe tip ta' kunsiderazzjoni oħra jew b'xejn. Il-ħlas ta' prezz jenħtieġ li jħeġġeġ lill-produtturi jiżviluppaw mudelli ta' negozju sostenibbli, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' tiswija. Prezz bħal dan jista' jqis, pereżempju, il-kostijiet lavorattivi, il-kostijiet tal-partijiet ta' rikambju, il-kostijiet tal-operat tal-faċilità tat-tiswija u l-marġni abitwali. Il-prezz u l-kundizzjonijiet tat-tiswija **għandhom** jiġu miftiehma f'kuntratt bejn il-konsumatur u l-produttur u l-konsumatur jenħtieġ li jibqa' liberu li jiddeċiedi jekk dak il-prezz u dawk il-kundizzjonijiet ikunux aċċettabbli. Il-ħtieġa għal kuntratt bħal dan u l-pressjoni kompetittiva minn sewwejja oħra jenħtieġ li jinkoraġġixxu lill-produtturi li huma obbligati li jsewwu biex iżommu l-prezz aċċettabbli għall-konsumatur. L-obbligu ta' tiswija jista' jitwettaq ukoll mingħajr ħlas meta d-difett ikun kopert minn garanzija kummerċjali, pereżempju fir-rigward tad-durabbiltà garantita tal-oġġetti.

*Emenda*

(12) Peress li l-obbligu ta' tiswija impost fuq il-produtturi skont din id-Direttiva jkopri difetti li mhumiex dovuti għannuqqas ta' konformità tal-oġġetti ma' kuntratt ta' bejgħ, il-produtturi jistgħu jipprovdu tiswija għal prezz li jitħallas mill-konsumatur, għal kwalunkwe tip ta' kunsiderazzjoni oħra jew b'xejn. Il-ħlas ta' prezz jenħtieġ li jħeġġeġ lill-produtturi jiżviluppaw mudelli ta' negozju sostenibbli, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' tiswija. Prezz bħal dan jista' jqis, pereżempju, il-kostijiet lavorattivi, il-kostijiet tal-partijiet ta' rikambju, il-kostijiet tal-operat tal-faċilità tat-tiswija u l-marġni abitwali. **Għall-każijiet fejn dawk il-kostijiet ma jistgħux jiġu stmati qabel it-tiswija, l-informazzjoni dwar l-ogħla prezz mistenni jenħtieġ li tingħata lill-konsumaturi.** Il-prezz u l-kundizzjonijiet tat-tiswija **jenħtieġ li** jiġu miftiehma f'kuntratt bejn il-konsumatur u l-produttur u l-konsumatur jenħtieġ li jibqa' liberu li jiddeċiedi jekk dak il-prezz u dawk il-kundizzjonijiet ikunux aċċettabbli. Il-ħtieġa għal kuntratt bħal dan u l-pressjoni kompetittiva minn sewwejja oħra jenħtieġ li jinkoraġġixxu lill-produtturi li huma obbligati li jsewwu biex iżommu l-prezz aċċettabbli għall-konsumatur. L-obbligu ta' tiswija jista' jitwettaq ukoll mingħajr ħlas meta d-difett ikun kopert minn garanzija kummerċjali, pereżempju fir-rigward tad-durabbiltà garantita tal-oġġetti. **Biex il-**

*konsumaturi jiġu inċentivati biex il-prodott tagħhom jissewwa barra mill-ambitu tal-garanzija legali, produttur jista' joffri self ta' oġġett ta' sostituzzjoni jew oġġett rinnovat għat-tul ta' żmien tat-tiswija, liema oġġett huwa mistenni li jiġi rritornat ladarba l-konsumatur jirċievi l-oġġett imsewwi.*

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Il-produtturi jistgħu jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jagħmlu t-tiswija billi jissottokuntrattaw it-tiswija, pereżempju jekk il-produttur ma jkollux l-infrastruttura tat-tiswija **jew jekk** it-tiswija tkun tista' titwettaq minn sewwej li jkun jinsab eqreb tal-konsumatur, **fost l-oħrajn** fejn il-produttur ikun stabbilit barra mill-Unjoni.

#### *Emenda*

(13) Il-produtturi jistgħu jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jagħmlu t-tiswija billi jissottokuntrattaw it-tiswija, pereżempju jekk il-produttur ma jkollux l-infrastruttura tat-tiswija. **Biex jiġu evitati kostijiet u emissjonijiet tat-trasport bla bżonn, it-tiswija jenħtieġ li ssir kemm jista' jkun qrib il-konsumatur. Għalhekk,** it-tiswija tkun tista' titwettaq minn sewwej li jkun jinsab eqreb tal-konsumatur, **b'mod partikolari f'dawk il-każijiet** fejn il-produttur ikun stabbilit barra mill-Unjoni.

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva Premessa 14

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont ir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli] jew il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>, li skonhom il-produtturi jenħtieġ li jipprovdu aċċess għal partijiet ta' rikambju, informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni jew kwalunkwe

#### *Emenda*

(14) Japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont ir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli] jew il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>, li skonhom il-produtturi jenħtieġ li jipprovdu aċċess għal partijiet ta' rikambju, informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni jew kwalunkwe

għodda tas-software, firmware jew mezzi awżiljarji simili relatati mat-tiswija. Dawk ir-rekwiżiti jiżguraw il-fattibbiltà teknika tat-tiswija mhux biss min-naħa tal-produttur iżda wkoll min-naħa ta' sewweġja oħra. **Bħala konsegwenza, il-konsumatur jista' jagħżel sewweġ li jrid.**

għodda tas-software, firmware jew mezzi awżiljarji simili relatati mat-tiswija. Dawk ir-rekwiżiti jiżguraw il-fattibbiltà teknika tat-tiswija mhux biss min-naħa tal-produttur iżda wkoll min-naħa ta' sewweġja oħra. **Biex jiġu kkomplementati dawk il-miżuri, l-aċċess għas-sewweġja, il-manifatturi mill-ġdid u r-rinnovaturi indipendenti kif ukoll l-utenti aħħarin għall-partijiet ta' rikambju, l-informazzjoni u l-għodod kollha relatati, inklużi l-għodod dijanjostiċi, jenħtieġ li jiġu pprovduti b'kost raġonevoli u b'mod nondiskriminatorju, għal perjodu li jikkorrispondi mill-inqas għat-tal-ħajja mistenni tal-prodott. Konsegwentement, dan jenħtieġ li jiżgura l-kompetizzjoni u jkun ta' benefiċċju għall-konsumatur b'servizzi aħjar u prezzijiet aktar baxxi meta jagħżel sewweġ li jrid jew meta jkun kapaċi jwettaq it-tiswija waħdu. Il-kumplessità u s-sikurezza tat-tiswija huma marbuta mat-tip ta' apparat. Fejn jista' jiġi previst b'mod raġonevoli li t-twettiq tat-tiswija mill-konsumatur medju jista' jwassal għal periklu għas-sikurezza jew jirrikjedi għodod avvanzati, jenħtieġ li l-produtturi jwissu b'mod espliċitu lill-konsumatur.**

---

<sup>16</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni) (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10-35).

---

<sup>16</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni) (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10-35).

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva Premessa 15

*Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-obbligu ta' tiswija jenħtieġ li jkun effettiv ukoll f'każijiet fejn il-

PE749.950v02-00

*Emenda*

(15) L-obbligu ta' tiswija jenħtieġ li jkun effettiv ukoll f'każijiet fejn il-

14/96

RR\1289346MT.docx



produttur ikun stabbilit barra mill-Unjoni. Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jwettqu dan l-obbligu billi jirrikorru għand operatur ekonomiku stabbilit fl-Unjoni, din id-Direttiva tipprevedi sekwenza ta' operaturi ekonomiċi alternattivi bl-obbligu tat-tiswija tal-produttur f'każijiet bħal dawn. Dan jenħtieġ li **jippermetti lill-produtturi li jinsabu** barra mill-Unjoni jorganizzaw u jwettqu l-obbligu tagħhom li jsewwu fl-Unjoni.

produttur ikun stabbilit barra mill-Unjoni. Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jwettqu dan l-obbligu billi jirrikorru għand operatur ekonomiku stabbilit fl-Unjoni, din id-Direttiva tipprevedi sekwenza ta' operaturi ekonomiċi alternattivi bl-obbligu tat-tiswija tal-produttur f'każijiet bħal dawn. **Minħabba r-rwol tagħhom fil-katina tal-provvista tal-prodotti lill-konsumaturi, il-fornituri tas-servizzi ta' eżekuzzjoni u l-pjattaformi online jenħtieġ li jkunu koperti wkoll minn din id-Direttiva.** Dan jenħtieġ li **jipprevjeni sitwazzjonijiet fejn ma jkun hemm ebda operatur ekonomiku stabbilit fl-Unjoni biex jissodisfa l-obbligu ta' tiswija. Il-produtturi stabbiliti** barra mill-Unjoni **jenħtieġ li** jorganizzaw u jwettqu l-obbligu tagħhom li jsewwu fl-Unjoni.

### Emenda 13

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 16

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq il-produtturi u sabiex jiġi żgurat li huma kapaċi jwettqu l-obbligu tagħhom li jsewwu, dak l-obbligu jenħtieġ li jkun **limitat** għal dawk il-prodotti li għalihom kwalunkwe rekwiżit ta' tiswija ikun previst fl-atti legali tal-Unjoni, u fil-limitu tagħhom. Ir-rekwiżiti ta' tiswija ma jobbligawx lill-produtturi jsewwu oġġetti difettużi, iżda jiżguraw li l-oġġetti jkunu jistgħu jissewwew. Tali rekwiżiti ta' tiswija jistgħu jiġu stabbiliti fl-atti legali rilevanti tal-Unjoni. Fost l-eżempji hemm atti delegati adottati skont ir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli] jew miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>, li joħlqu qafas biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti. Din il-limitazzjoni tal-obbligu ta'

##### *Emenda*

(16) Sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq il-produtturi u sabiex jiġi żgurat li huma kapaċi jwettqu l-obbligu tagħhom li jsewwu, dak l-obbligu jenħtieġ li jkun **stabbilit** għal dawk il-prodotti li għalihom kwalunkwe rekwiżit ta' tiswija ikun previst fl-atti legali tal-Unjoni, u fil-limitu tagħhom, **kif ukoll għal prodotti oħra li jistgħu jissewwew inklużi r-roti.** Ir-rekwiżiti ta' tiswija ma jobbligawx lill-produtturi jsewwu oġġetti difettużi, iżda jiżguraw li l-oġġetti jkunu jistgħu jissewwew. Tali rekwiżiti ta' tiswija jistgħu jiġu stabbiliti fl-atti legali rilevanti tal-Unjoni. Fost l-eżempji hemm atti delegati adottati skont ir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli] jew miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>, li joħlqu qafas biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-

tiswija tiżgura li dawk l-oġġetti li jistgħu jissewwew biss ikunu soġġetti għal tali obbligu. Ir-rekwiżiti rilevanti ta' possibbiltà ta' tiswija jinkludu rekwiżiti tad-disinn li jtejbju l-kapaċità li l-oġġetti jiġu żarmati u firxa ta' partijiet ta' rikambju li għandhom ikunu disponibbli għal perjodu minimu. L-obbligu ta' tiswija jikkorrispondi mal-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' tiswija, pereżempju, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jistgħu japplikaw biss għal ċerti komponenti tal-oġġetti jew jista' jiġi stabbilit perjodu speċifiku ta' żmien biex il-partijiet ta' rikambju jkunu disponibbli. L-obbligu ta' tiswija skont din id-Direttiva, li jippermetti lill-konsumaturi jitolbu t-tiswija lill-produttur direttament fil-fażi ta' wara l-bejgħ, jikkomplementa r-rekwiżiti relatati man-naħa tal-provvista dwar il-possibbiltà ta' tiswija li huma stipulati fir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli], filwaqt li jinkoraġġixxi d-domanda tal-konsumatur għat-tiswija.

---

<sup>17</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni).

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva Premessa 16a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

prodotti. Din il-limitazzjoni tal-obbligu ta' tiswija tiżgura li dawk l-oġġetti li jistgħu jissewwew biss ikunu soġġetti għal tali obbligu. Ir-rekwiżiti rilevanti ta' possibbiltà ta' tiswija jinkludu rekwiżiti tad-disinn li jtejbju l-kapaċità li l-oġġetti jiġu żarmati u firxa ta' partijiet ta' rikambju li għandhom ikunu disponibbli għal perjodu minimu. L-obbligu ta' tiswija jikkorrispondi mal-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' tiswija, pereżempju, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jistgħu japplikaw biss għal ċerti komponenti tal-oġġetti jew jista' jiġi stabbilit perjodu speċifiku ta' żmien biex il-partijiet ta' rikambju jkunu disponibbli. L-obbligu ta' tiswija skont din id-Direttiva, li jippermetti lill-konsumaturi jitolbu t-tiswija lill-produttur direttament fil-fażi ta' wara l-bejgħ, jikkomplementa r-rekwiżiti relatati man-naħa tal-provvista dwar il-possibbiltà ta' tiswija li huma stipulati fir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli], filwaqt li jinkoraġġixxi d-domanda tal-konsumatur għat-tiswija.

---

<sup>17</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni).

*Emenda*

***(16a) Sa 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tivvaluta l-kontribut tagħha, u b'mod partikolari l-Artikoli 5, 9a u 12, għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u t-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-***



*prodotti, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq in-negozji, b'mod partikolari fuq l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Fir-rigward tal-Artikolu 7 jenħtieġ li tevalwa u tivvaluta l-effettività tal-pjattaformi online għat-tiswija abbażi ta' data mill-Istati Membri individwali, li jkun fiha informazzjoni dwar l-għadd ta' fornituri ta' servizzi ta' tiswija attivi, il-konsumaturi u l-għadd ta' tranżazzjonijiet imwettqa. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal rapport dwar is-sejbiet ewlenin u tissottomettih lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regżjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. Ir-rapport jenħtieġ li jkun akkumpanjat, meta xieraq, minn proposta leġiżlattiva.*

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva Premessa 17

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, din id-Direttiva telenka fl-Anness II gruppi ta' prodotti rilevanti koperti minn **tali rekwiżiti ta' tiswija skont l-atti legali tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mar-rekwiżiti futuri** ta' possibbiltà ta' tiswija skont l-atti legali tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward, b'mod partikolari, taż-żieda ta' gruppi ġodda ta' prodotti fl-Anness II meta jiġu adottati rekwiżiti ġodda ta' tiswija. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-

#### *Emenda*

(17) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, din id-Direttiva telenka fl-Anness II gruppi ta' prodotti rilevanti **għall-obbligu ta' tiswija skont din id-Direttiva jew li jkunu** koperti minn rekwiżiti ta' tiswija skont l-atti legali tal-Unjoni **kif ukoll oġġetti oħra li jistgħu jissewewwew, inklużi r-roti. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-iżviluppi futuri tas-suq u leġiżlattivi**, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward, b'mod partikolari, taż-żieda ta' gruppi ġodda ta' prodotti fl-Anness II, **pereżempju** meta jiġu adottati rekwiżiti ġodda ta' tiswija. **Meta żżid gruppi ta' prodotti ġodda mal-Anness II, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq valutazzjoni tal-impatt, b'mod partikolari**

Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>18</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

---

<sup>18</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 213, 12.5.2016, p. 1).

*meta ż-żieda ssir indipendentement minn atti oħra skont id-drift tal-Unjoni.* Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tnejn, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>18</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

---

<sup>18</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 213, 12.5.2016, p. 1).

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Premessa 20

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Sabiex jiżdied l-għarfien tal-konsumatur dwar id-disponibbiltà tattiswija u b'hekk il-probabbiltà tagħha, il-produtturi jenħtieġ li jinfurmaw lill-konsumaturi bl-eżistenza ta' dak l-obbligu. L-informazzjoni jenħtieġ li ssemmi l-oġġetti rilevanti koperti minn dak l-obbligu, flimkien ma' spjegazzjoni li u sa fejn il-prodott ikun jista' jissewwa, pereżempju permezz ta' sottokuntratturi. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tkun faċilment aċċessibbli għall-konsumatur u tingħata b'mod ċar u li jinftiehem, mingħajr ma jkollha tintalab mill-konsumatur, u b'konformità mar-rekwiżiti

#### *Emenda*

(20) Sabiex jiżdied l-għarfien tal-konsumatur dwar id-disponibbiltà tattiswija u b'hekk il-probabbiltà tagħha, il-produtturi ***jew il-bejjiegħa*** jenħtieġ li jinfurmaw lill-konsumaturi bl-eżistenza ta' dak l-obbligu. L-informazzjoni jenħtieġ li ssemmi l-oġġetti rilevanti koperti minn dak l-obbligu, flimkien ma' spjegazzjoni li u sa fejn il-prodott ikun jista' jissewwa, pereżempju permezz ta' sottokuntratturi. Dik l-informazzjoni jenħtieġ li tkun faċilment aċċessibbli għall-konsumatur u tingħata b'mod ċar u li jinftiehem, mingħajr ma jkollha tintalab mill-konsumatur, u b'konformità mar-rekwiżiti

ta' aċċessibbiltà tad-Direttiva 2019/882. Il-produttur *huwa liberu* li *jiddetermina l-mezzi* li bihom *jinforma* lill-konsumatur.

ta' aċċessibbiltà tad-Direttiva 2019/882. Il-produttur *jew fejn rilevanti l-bejjeġh huma liberi* li *jiddeterminaw il-mezzi* li bihom *jinfirmaw* lill-konsumatur, *pereżempju b'mezz fil-punt tal-bejġh b'mod viżibbli u prominenti*.

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Sabiex titħeġġeġ it-tiswija, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-eżistenza ta' mill-anqas pjattaforma online waħda li tippermetti lill-konsumaturi jfittxu sewwejja xierqa fit-territorju tagħhom. Dik il-pjattaforma tista' tkun pjattaforma eżistenti jew operata privatament, jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Dik il-pjattaforma jenħtieġ li tinkludi għodod ta' paragun faċli għall-utent u indipendenti li jassistu lill-konsumaturi fil-valutazzjoni u t-tqabbil tal-merti ta' fornituri differenti ta' servizzi ta' tiswija, biex b'hekk il-konsumaturi jiġu inċentivati jsewwu minflok jixtru oġġetti ġodda. Filwaqt li dik il-pjattaforma għandha l-għan li tiffaċilita t-tfittxija għal servizzi ta' tiswija fir-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi, l-Istati Membri huma liberi li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha wkoll biex jinkludi relazzjonijiet bejn in-negozji kif ukoll inizjattivi ta' tiswija mmexxija mill-komunità.

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva Premessa 25

#### *Emenda*

(21) Sabiex titħeġġeġ it-tiswija, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-eżistenza ta' mill-anqas pjattaforma online waħda li tippermetti lill-konsumaturi jfittxu sewwejja xierqa fit-territorju tagħhom. Dik il-pjattaforma tista' tkun pjattaforma eżistenti jew operata privatament, jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. ***Jekk tali pjattaforma online ma teżistix, l-Istati Membri jenħtieġ li jfittxu li joħlqu waħda f'kollaborazzjoni mal-operaturi ekonomiċi involuti.*** Dik il-pjattaforma jenħtieġ li tinkludi għodod ta' paragun faċli għall-utent u indipendenti li jassistu lill-konsumaturi fil-valutazzjoni u t-tqabbil tal-merti ta' fornituri differenti ta' servizzi ta' tiswija, biex b'hekk il-konsumaturi jiġu inċentivati jsewwu minflok jixtru oġġetti ġodda. Filwaqt li dik il-pjattaforma għandha l-għan li tiffaċilita t-tfittxija għal servizzi ta' tiswija fir-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi, l-Istati Membri huma liberi li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha wkoll biex jinkludi relazzjonijiet bejn in-negozji kif ukoll inizjattivi ta' tiswija mmexxija mill-komunità.

(25) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija, il-pjattaforma online jenħtieġ li tinkludi l-possibbiltà li l-konsumaturi jitolbu dik il-formola direttament mingħand is-sewwej permezz tal-pjattaforma online. Din il-possibbiltà jenħtieġ li tintwera b'mod prominenti fuq il-pjattaforma online. Biex titqajjem kuxjenza dwar il-pjattaformi nazzjonali ta' tiswija online u biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal tali pjattaformi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pjattaformi online tagħhom ikunu aċċessibbli permezz ta' paġni web nazzjonali rilevanti konnessi mal-Gateway Diġitali Unika stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup>. ***Biex titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi dwar il-pjattaforma online, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu passi xierqa, pereżempju jiffirmaw il-pjattaforma online fuq siti web nazzjonali relatati jew iwettqu kampanji ta' komunikazzjoni.***

(25) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija, il-pjattaforma online jenħtieġ li tinkludi l-possibbiltà li l-konsumaturi jitolbu dik il-formola direttament mingħand is-sewwej permezz tal-pjattaforma online. Din il-possibbiltà jenħtieġ li tintwera b'mod prominenti fuq il-pjattaforma online. Biex titqajjem kuxjenza dwar il-pjattaformi nazzjonali ta' tiswija online u biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal tali pjattaformi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pjattaformi online tagħhom ikunu aċċessibbli permezz ta' paġni web nazzjonali rilevanti konnessi mal-Gateway Diġitali Unika stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup>. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-links tal-pjattaformi online eżistenti għat-tiswija fit-territorju tagħhom fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u l-link ta' kull pjattaforma online ġdida għat-tiswija fi żmien 14-il jum tax-xogħol mit-tnedija tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku, faċilment aċċessibbli u li tinqara mill-magni tal-pjattaformi online għat-tiswija rreġistrati fi ħdan l-Istati Membri.***

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

---

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

## Emenda 19

**Proposta għal direttiva  
Premessa 25a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(25a) Biex titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi dwar il-pjattaforma online għat-tiswija, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu passi xierqa, pereżempju billi jindikaw il-pjattaforma online fuq is-siti web nazzjonali relatati jew billi jwettqu kampanji ta' komunikazzjoni. L-operaturi ekonomiċi jew il-pjattaformi online li jippermettu kuntratti fuq distanzi twal jenħtieġ li jieħdu wkoll passi xierqa biex jinfurmaw lill-konsumaturi dwar il-pjattaforma online għat-tiswija, pereżempju, billi jibagħtu lill-konsumatur il-link jew jirreklamawha fil-ħwienet. Il-metodi biex titqajjem kuxjenza għandhom jieħdu kont tal-konsumaturi b'livell baxx ta' litteriżmu u ħiliet diġitali u jkun aċċessibbli għalihom.**

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 26a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(26a) Peress li maġġoranza ċara ta' ċittadini tal-Unjoni jippreferu li oġġett jissewwa minflok li jixtru wieħed ġdid<sup>1a</sup>, jenħtieġ li l-konsumaturi kollha jkollhom il-mezzi biex l-oġġetti tagħhom jissewew wara l-perjodu ta' garanzija legali. Dan ma jaqdx biss lit-Tranżizzjoni Ekoloġika iżda jappoġġa wkoll lin-negozji Ewropej. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw inċentivi finanzjarji biex jipromwovu t-tiswija. F'ħafna Stati Membri tali miżuri diġà jeżistu fil-forma ta' fondi nazzjonali għat-tiswija jew vawċers għat-tiswija. Sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati aktar fil-promozzjoni tat-tiswija, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra tipproponi emenda**

*lill-Kunsill biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (19) tal-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għal kategoriji oħra ta' prodotti, tal-anqas għal dawk imsemmija fl-Anness II ta' din id-Direttiva. Dan jista' joħloq aktar koerenza bejn il-kategoriji ta' prodotti previsti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u l-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE. Dan jista' jippermetti lill-konsumaturi kollha li jsewwu l-oġġetti tagħhom minflok li jixtru oħrajn ta' sostituzzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju peress li n-negozji tagħhom huma parti vitali mill-katina tat-tiswija. L-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw lill-Kummissjoni l-miżuri meħuda, u l-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel il-miżuri disponibbli għall-pubbliku.*

---

*1<sup>a</sup> Ara l-Ewrobarometru Flash 388 ta' Ġunju 2014 intitolat "Attitudes of Europeans towards waste management and resource efficiency" (Attitudnijiet tal-Ewropej lejn il-ġestjoni tal-iskart u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi).*

## **Emenda 21**

### **Proposta għal direttiva Premessa 26b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(26b) Hu meħtieġ li l-Istati Membri jstabilixxu penali għal ksur ta' din id-Direttiva u jiżguraw li jiġu infurzati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.*

## **Emenda 22**



**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 27**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(27) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippermetti l-iżvilupp ta' standard ta' kwalità Ewropew volontarju għas-servizzi ta' tiswija, pereżempju billi tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-kooperazzjoni volontarja dwar standard bejn in-negozji, l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet *interessati* oħra jew billi toħroġ talba ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni. Standard Ewropew għas-servizzi ta' tiswija jista' jagħti spinta lill-fiduċja tal-konsumatur fis-servizzi tat-tiswija madwar l-Unjoni. Tali standard jista' jinkludi aspetti li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-konsumatur dwar it-tiswija, bħaż-żmien biex titlesta t-tiswija, id-disponibbiltà ta' oġġetti ta' sostituzzjoni temporanja, assigurazzjonijiet tal-kwalità bħal garanzija kummerċjali fuq it-tiswija, u d-disponibbiltà ta' servizzi anċillari bħall-ġarr, l-installazzjoni u t-trasport offruti mis-sewwejja.

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 28**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Sabiex tiġi promossa t-tiswija fir-responsabbiltà tal-bejjieġh kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2019/771, jenħtieġ li jiġu adattati l-kundizzjonijiet armonizzati li taħthom tista' tiġi eżerċitata l-għażla bejn ir-rimedji ta' tiswija u sostituzzjoni. Jenħtieġ li jinżamm il-prinċipju stabbilit fid-Direttiva (UE) 2019/771 li jintuża l-kunsiderazzjoni dwar jekk ir-rimedju magħżul jimponix kostijiet fuq il-bejjieġh

*Emenda*

(27) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippermetti l-iżvilupp ta' standard ta' kwalità Ewropew volontarju għas-servizzi ta' tiswija, pereżempju billi tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-kooperazzjoni volontarja dwar standard bejn in-negozji, l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet *ikkonċernati* oħra, **bħal fornituri tat-tiswija indipendenti u tal-komunità**, jew billi toħroġ talba ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni. Standard Ewropew għas-servizzi ta' tiswija jista' jagħti spinta lill-fiduċja tal-konsumatur fis-servizzi tat-tiswija madwar l-Unjoni. Tali standard jista' jinkludi aspetti li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-konsumatur dwar it-tiswija, bħaż-żmien biex titlesta t-tiswija, id-disponibbiltà ta' oġġetti ta' sostituzzjoni temporanja, assigurazzjonijiet tal-kwalità bħal garanzija kummerċjali fuq it-tiswija, u d-disponibbiltà ta' servizzi anċillari bħall-ġarr, l-installazzjoni u t-trasport offruti mis-sewwejja.

*Emenda*

(28) Sabiex tiġi promossa t-tiswija fir-responsabbiltà tal-bejjieġh kif stabbilit fid-Direttiva (UE) 2019/771, jenħtieġ li jiġu adattati l-kundizzjonijiet armonizzati li taħthom tista' tiġi eżerċitata l-għażla bejn ir-rimedji ta' tiswija u sostituzzjoni. Jenħtieġ li jinżamm il-prinċipju stabbilit fid-Direttiva (UE) 2019/771 li jintuża l-kunsiderazzjoni dwar jekk ir-rimedju magħżul jimponix kostijiet fuq il-bejjieġh

li jkunu sproporzjonati meta mqabbla mar-rimedju l-ieħor, bħala wieħed mill-kriterji biex jiġi ddeterminat ir-rimedju applikabbli. Il-konsumatur jibqa' intitolat li jagħżel it-tiswija minflok is-sostituzzjoni, sakemm it-tiswija ma tkunx **impossibbli** jew **timponi kostijiet sproporzjonati fuq il-bejjiegħ meta mqabbla mas-sostituzzjoni**. Madankollu, meta l-kostijiet tas-sostituzzjoni jkunu ogħla mill-kostijiet tat-tiswija, jenħtieġ li l-bejjiegħ dejjem isewwi l-oġġetti. **Għaldaqstant, il-konsumatur ikun jista' jagħżel is-sostituzzjoni** bħala rimedju meta **din tkun irħas mit-tiswija biss**. Għalhekk, id-Direttiva (UE) 2019/771 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

li jkunu sproporzjonati meta mqabbla mar-rimedju l-ieħor, bħala wieħed mill-kriterji biex jiġi ddeterminat ir-rimedju applikabbli. Il-konsumatur jibqa' intitolat li jagħżel it-tiswija minflok is-sostituzzjoni, sakemm it-tiswija ma tkunx **fattwalment** jew **legalment impossibbli**. Madankollu, meta l-kostijiet tas-sostituzzjoni jkunu ogħla mill-kostijiet tat-tiswija, jenħtieġ li l-bejjiegħ dejjem isewwi l-oġġetti, **dment li t-tiswija ma toħloqx inkonvenjenza sinifikanti għall-konsumatur**. **Sitwazzjonijiet fejn it-tiswija toħloq inkonvenjenza sinifikanti għall-konsumatur jenħtieġ li jitqiesu abbażi ta' każ b'każ filwaqt li jitqiesu n-natura tal-oġġetti u l-iskop li għalih il-konsumatur kellu bżonn l-oġġetti. F'dak ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet li inkonvenjenza sinifikanti għall-konsumatur tista' tinftiehem bħala piż li x'aktarx jiskoraġġixxi lill-konsumatur medju milli jasserixxi d-drittijiet tiegħu. F'dan il-kuntest, dan ikun partikolarment il-każ meta l-konsumatur ikollu interess validu għall-użu mhux interrott tal-oġġetti, u sostituzzjoni temporanja ma tistax tiġi pprovduta jew ma tistax tiġi pprovduta fi żmien xieraq jew ma tkunx adegwata għall-ħtiġijiet tal-konsumatur, u b'hekk tiskoraġġixxi l-konsumatur milli jsewwi l-oġġetti. Inkonvenjenza sinifikanti tista' tiġi preżunta wkoll meta l-oġġetti jkunu diġà soġġetti għall-miżuri ta' tiswija biex jissodisfaw l-istandards tal-konformità u sussegwentement, wara perjodu qasir ta' żmien, l-oġġetti jkunu jeħtieġu tiswija minħabba nuqqas ta' konformità, biex b'hekk dan jagħmel ħsara lill-fiduċja fil-possibbiltà ta' tiswija tal-oġġetti u jiskoraġġixxi lill-konsumatur milli jeżerċita d-dritt tiegħu għat-tiswija. Barra minn hekk, f'sitwazzjonijiet fejn tiswija ma twassalx biex l-oġġett ikun konformi, jenħtieġ li japplikaw il-prinċipji stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2019/771. Dan jenħtieġ li jipprevjeni sitwazzjonijiet fejn konsumatur jiffaċċja tiswijiet konsekkuttivi**



**għall-istess difett tal-istess oġġett.**  
Għalhekk, id-Direttiva (UE) 2019/771  
jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

## Emenda 24

**Proposta għal direttiva  
Premessa 28a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(28a) Biex il-konsumaturi jiġu appoġġati u tiġi inċentivata t-tiswija, jenħtieġ li, jekk it-tiswija ma tkunx tlestiet f'perjodu ta' żmien raġonevoli, il-bejgieh isellef lill-konsumatur prodott ta' sostituzzjoni, skont l-ispeċifikitajiet tal-kategorija tal-prodott rilevanti. Dan il-prodott ta' sostituzzjoni jista' jkun ukoll oġġett rinnovat iżda jenħtieġ li jiġi misluf temporanjament lill-konsumatur mingħajr ħlas. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-bejgieh iwettaq it-tiswija f'perjodu ta' żmien raġonevoli.**

## Emenda 25

**Proposta għal direttiva  
Premessa 28b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(28b) Id-Direttiva (UE) 2019/771 timponi obbligu fuq il-bejgieha biex isewwu oġġetti f'każ ta' nuqqas ta' konformità li kien jeżisti fiż-żmien meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati u li joħorġu fid-dieher fil-perjodu ta' responsabbiltà. Sabiex tiġi promossa t-tiswija fil-perjodu ta' responsabbiltà, ladarba l-konsumaturi jagħżlu t-tiswija bħala rimedju biex oġġett jinġieb f'konformità, jenħtieġ li jkun jistgħu jibbenefikaw minn perjodu ta' responsabbiltà estiż ta' sena addizzjonali, li jibda mill-mument li l-oġġett imsewwi jingħatalhom lura, dment li l-Istati Membri jkun jammew jew introduċew**

*limiti ta' żmien għall-konformità tal-oġġett oriġinali f'konformità mal-Artikolu 10, il-paragrafi 1, 2 jew 3 ta' dik id-Direttiva. Din l-estensjoni tal-perjodu ta' garanzija legali jenħtieġ li tapplika biss għall-ewwel tiswija skont id-Direttiva (UE) 2019/771. Għalhekk, id-Direttiva (UE) 2019/771 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.*

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva Premessa 28c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(28c) Il-konsumaturi li jagħżlu t-tiswija bħala r-rimedju biex l-oġġetti jinġiebu f'konformità jenħtieġ li jiġihom jagħżlu bejn il-bejjiegħ jew il-produttur sabiex l-oġġetti jinġiebu f'konformità. Meta l-konsumaturi jagħżlu li l-prodott jenħtieġ li jinġieb f'konformità mill-produttur, jenħtieġ li tiġi stabbilita responsabbiltà diretta tal-produttur għat-tiswija tal-prodotti. F'tali każ, jenħtieġ li l-produttur isewwi l-prodott biex jindirizza n-nuqqas ta' konformità. Jenħtieġ li l-produttori jippruvaw jirreaġixxu malajr bil-valutazzjoni tagħhom jekk il-prodott jistax jissewwa. Jekk it-tiswija tkun impossibbli, jenħtieġ li l-produttur jivvaluta s-sitwazzjoni u jsolviha b'mod konvenjenti għall-konsumatur, pereżempju billi jikkuntattja lill-bejjiegħ inizzjali u lill-konsumatur. Biex tiġi evitata l-istess tiswija għall-istess difett mill-bejjiegħ f'każ bħal dan, jenħtieġ li l-bejjiegħ jinħeles mir-responsabbiltà tiegħu għal dak id-difett u ladarba l-oġġett jissewwa b'suċċess mill-produttur, jenħtieġ li tali oġġett jitqies bħala konformi. Jenħtieġ li l-ebda dritt ieħor tal-konsumatur skont id-Direttiva (UE) 2019/771 ma jiġi affettwat minn din ir-responsabbiltà tal-produttur f'każ ta' tiswija bħala rimedju għal*

*nuqqas ta' konformità.*

## **Emenda 27**

### **Proposta għal direttiva Premessa 28d (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(28d) Sabiex il-konsumaturi jiġu inċentivati jagħżlu t-tiswija, jenħtieġ li l-garanzija kummerċjali ma jkun fiha l-ebda terminu li jiskoraġġixxi lill-konsumaturi milli jagħmlu użu mid-dritt għat-tiswija ta' oġġett li ma jkunx konformi.**

## **Emenda 28**

### **Proposta għal direttiva Premessa 30**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(30) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jadattaw, jenħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet tranżitorji dwar l-applikazzjoni ta' uħud mill-Artikoli ta' din id-Direttiva. Għalhekk, l-obbligi ta' tiswija u ta' għoti ta' informazzjoni relatata dwar dan l-obbligu jenħtieġ li japplikaw għal kuntratti għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija wara [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ]. L-emenda tad-Direttiva (UE) 2019/771 jenħtieġ li tapplika biss għal kuntratti ta' bejgħ konklużi wara [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ] biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex il-bejgiegħa jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rimedji emendati ta' tiswija u sostituzzjoni.

(30) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jadattaw, jenħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet tranżitorji dwar l-applikazzjoni ta' uħud mill-Artikoli ta' din id-Direttiva. Għalhekk, l-obbligi ta' tiswija u ta' għoti ta' informazzjoni relatata dwar dan l-obbligu jenħtieġ li japplikaw għal kuntratti għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija wara [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ]. L-emenda tad-Direttiva (UE) 2019/771 jenħtieġ li tapplika biss għal kuntratti ta' bejgħ konklużi wara [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ] biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u biex il-bejgiegħa jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw għar-rimedji emendati ta' tiswija u sostituzzjoni.

## **Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni li **jippromwovu t-tiswija** ta' oġġetti, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, filwaqt li tipprevedi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-ambjent.

*Emenda*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni li **jsaħħu d-dritt għat-tiswija** ta' oġġetti **għall-konsumaturi**, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, filwaqt li tipprevedi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-ambjent.

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. “tiswija” tfisser li prodott difettuż jew skart jitreġġa’ lura għal kundizzjoni li fiha jissodisfa l-użu maħsub tiegħu;**

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. “sewwej” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, relatata mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni ta' dik il-persuna, tipprovdi servizz ta' tiswija, inklużi produtturi u bejjiegħa li jipprovdu servizzi ta' tiswija u fornituri ta' servizzi ta' tiswija kemm jekk indipendenti **kif ukoll jekk** affiljati ma' tali produtturi jew bejjiegħa;

2. “sewwej” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, relatata mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni ta' dik il-persuna, tipprovdi servizz ta' tiswija, inklużi produtturi u bejjiegħa li jipprovdu servizzi ta' tiswija u fornituri ta' servizzi ta' tiswija kemm jekk **sewwejja** indipendenti, **sewwejja professjonali jew** jekk affiljati ma' tali produtturi jew bejjiegħa;

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** “operatur indipendenti” tfisser persuna fiżika jew ġuridika, għajr rappreżentant, bejjiġh jew sewwej awtorizzat, li tkun direttament jew indirettament involuta fit-tiswija u fil-manutenzjoni tal-oġġett, u tinkludi s-sewwejja, il-manifatturi jew id-distributuri ta’ tagħmir tat-tiswija, għodod jew partijiet ta’ rikambju, kif ukoll il-pubblikaturi ta’ informazzjoni teknika, l-operaturi ta’ assistenza, l-operaturi li joffru servizzi ta’ spezzjoni u ttestjar, l-operaturi li joffru taħriġ għall-installaturi u l-fornituri ta’ servizzi remoti;

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6a.** “fornitur ta’ servizzi ta’ eżekuzzjoni” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li toffri, waqt attività kummerċjali, mill-inqas tnejn mis-servizzi li ġejjin: il-ħżin, l-imballaġġ, l-indirizzar u d-dispaċċ ta’ prodott, mingħajr ma jkun hemm sjieda tal-prodott, bl-eċċezzjoni tas-“servizzi postali” kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, tas-“servizzi tal-konsenja tal-pakketti” kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill<sup>1b</sup>, u ta’ kwalunkwe servizz postali jew servizz ta’ trasport tal-merkanzija ieħor;

---

<sup>1a</sup> Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-

*iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14).*

*<sup>1b</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 19).*

## Emenda 34

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li qabel ma konsumatur jintrabat b'kuntratt għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija, is-sewwej għandu jipprovdi lill-konsumatur, fuq talba, bil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija stabbilita fl-Anness I fuq mezz durabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 2 (11) tad-Direttiva 2019/771/UE.*

*Emenda*

1. *Is-sewwejja jistgħu jipprovdu l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija stabbilita fl-Anness I ta' din id-Direttiva lill-konsumatur fuq mezz durabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 2(11) tad-Direttiva (UE) 2019/771. F'tali każijiet, il-produtturi jew l-operatur ekonomiku rilevanti skont l-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva għandhom jipprovdu lis-sewwej, b'mod ċar, l-informazzjoni meħtieġa għas-sewwej biex jimla l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija.*

## Emenda 35

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. *Is-sewwejja l-oħra li mhumiex obbligati li jsewwu bis-saħħa tal-Artikolu 5 ma għandhomx ikunu obbligati jipprovdu l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija meta ma jkollhomx l-intenzjoni li jipprovdu s-servizz ta' tiswija.*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 36

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Is-sewwej jista' jitlob lill-konsumatur iħallas l-ispejjeż meħtieġa li jġarrab is-sewwej biex jipprova l-informazzjoni inkluża fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija.*

*Emenda*

*Fejn ikun meħtieġ eżami fiżiku inkluża valutazzjoni fuq il-post tal-prodott biex jiġi stmat il-prezz tat-tiswija, is-sewwej jista' jitlob lill-konsumatur iħallas il-kostijiet meħtieġa involuti għal tali eżami fiżiku.*

## Emenda 37

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) il-prezz jew, jekk il-prezz ma **jistax jiġi kkalkulat** raġonevolment bil-quddiem, il-mod li bih il-prezz għandu jiġi kkalkulat **u l-prezz massimu għat-tiswija;**

*Emenda*

(e) il-prezz **massimu mistenni għat-tiswija inkluż iżda mhux limitat għall-kostijiet għal partijiet ta' rikambju, il-kostijiet lavorattivi, il-kostijiet għall-imposti fuq il-merkanzija, il-konsenja jew il-posta,** jew, jekk il-prezz **totali jew kwalunkwe sottoparti tiegħu** ma **jistgħux jiġu kkalkulati** raġonevolment bil-quddiem, il-mod li bih il-prezz għandu jiġi kkalkulat;

## Emenda 38

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt ia (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(ia) informazzjoni addizzjonali pprovduta volontarjament mis-sewwej.*

*Emenda*

## Emenda 39

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq talba tal-konsumatur, il-produttur għandu jsewwi, **bi hłas, b'xejn jew għal kwalunkwe tip ta' kunsiderazzjoni oħra, oġġetti li r-rekwiżiti ta' tiswija tagħhom huma** previsti fl-atti legali tal-Unjoni **elenkati fl-Anness II**. Il-produttur ma għandux ikun obligat **li jsewwi** tali oġġetti meta t-tiswija tkun impossibbli. Il-produttur jista' jissottokuntratta t-tiswija sabiex jissodisfa l-obbligu tiegħu li jsewwi.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq talba tal-konsumatur, il-produttur għandu jsewwi ***l-oġġetti li huma elenkati fl-Anness II, irrISPETTIVAMENT jekk ir-rekwiżiti ta' tiswija għal dawk l-oġġetti huma*** previsti fl-atti legali tal-Unjoni ***jew le***. Il-produttur ma għandux ikun obligat ***isewwi*** tali oġġetti meta t-tiswija tkun ***fattwalment jew legalment*** impossibbli. ***Il-produttur ma għandux jirrifjuta t-talba tal-konsumatur purament minħabba kunsiderazzjonijiet ekonomiċi bħall-kostijiet***. Il-produttur jista' jissottokuntratta t-tiswija sabiex jissodisfa l-obbligu tiegħu li jsewwi. ***F'tali każijiet, il-produttur għandu jipprovi lis-sewwej bl-informazzjoni rilevanti kollha biex jippermetti lis-sewwej jissodisfa l-obbligi tiegħu.***

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. It-tiswija skont il-paragrafu 1 għandha titwettaq soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:***

- a) għandha ssir jew mingħajr hłas jew b'eżekuzzjoni korrispettiva;***
- b) għandha titwettaq fi żmien raġonevoli mill-mument li fih il-produttur ikollu l-pussess fiżiku tal-oġġett, ikun irċieva l-oġġett jew ikun inġhata aċċess għall-oġġett mill-konsumatur;***
- c) il-produttur jista' jipprovi lill-konsumatur bis-self ta' oġġett ta' sostituzzjoni, b'xejn jew bi hłas raġonevoli, għall-perjodu tat-tiswija; u***



d) *f'każijiet fejn it-tiswija tkun fattwalment jew legalment impossibbli, il-produttur jista' jipprovdi prodott rinnovat lill-konsumatur u, malli l-konsumatur jaççettah, dan jeħles lill-produttur mill-obbligu tat-tiswija skont dan l-Artikolu.*

## Emenda 41

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta l-produttur li jkun obligat **li jsewwi** skont il-paragrafu 1 **jkun** stabbilit barra mill-Unjoni, **ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fl-Unjoni** għandu **jwettaq l-obbligu tal-produttur**. Meta l-produttur ma jkollu l-ebda rappreżentant awtorizzat fl-Unjoni, l-importatur tal-oġġett ikkonċernat għandu jwettaq l-obbligu tal-produttur. **Jekk** ma jkun hemm l-ebda importatur, id-distributur tal-oġġett ikkonċernat għandu jwettaq l-obbligu tal-produttur.

*Emenda*

2. Meta l-produttur li jkun obligat **isewwi** skont il-paragrafu 1 **ikun** stabbilit barra mill-Unjoni, **huwa** għandu **jaħtar, permezz ta' mandat bil-miktub, rappreżentant awtorizzat biex jiżgura l-konformità ma' din id-Direttiva. Għandu jiżgura li r-rappreżentant awtorizzat tiegħu jkollu r-riżorsi u l-mandat biex jissodisfa l-obbligi stabbiliti f' din id-Direttiva.**

Meta l-produttur ma jkollu l-ebda rappreżentant awtorizzat fl-Unjoni, l-importatur tal-oġġett ikkonċernat għandu jwettaq l-obbligu tal-produttur. **Meta** ma jkun hemm l-ebda importatur, **il-fornitur ta' servizzi ta' eżekuzzjoni tal-oġġett ikkonċernat għandu jwettaq l-obbligu tal-produttur. Meta ma jkun hemm l-ebda furnitur ta' servizzi ta' eżekuzzjoni**, id-distributur tal-oġġett ikkonċernat għandu jwettaq l-obbligu tal-produttur.

## Emenda 42

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-produtturi għandhom jiżguraw li

*Emenda*

3. **Għall-oġġetti kollha elenkati fl-**

s-sewwejja indipendenti **jkollhom** aċċess **għal partijiet** ta' rikambju u **għal informazzjoni u għodod** relatati mat-tiswija **f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni elenkati fl-Anness II.**

**Anness II ta' din id-Direttiva**, il-produtturi għandhom jiżguraw li s-sewwejja, **il-manifatturi mill-ġdid u r-rinnovaturi** indipendenti **kif ukoll l-utenti aħħarin ikollhom** aċċess **għall-partijiet** ta' rikambju **kollha** u **għall-informazzjoni u l-għodod kollha** relatati mat-tiswija, **inklużi l-għodod dijanjostiċi, b'kost raġonevoli u nondiskriminatorju għal perjodu li jikkorrispondi mill-inqas għat-tul tal-ħajja mistenni tal-prodott. L-aċċess għall-għodod dijanjostiċi għandu jiġi pprovdut soġġett għar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 1, tad-Direttiva (UE) 2016/943.**

#### **Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Il-produtturi għandhom jagħmlu disponibbli fuq is-siti web tagħhom l-informazzjoni kollha relatata mat-tiswija, bħall-prezzijiet tat-tiswija u l-prezzijiet tal-partijiet ta' rikambju għall-oġġetti elenkati fl-Anness II.**

#### **Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b. Il-produtturi ma għandhomx jimpedixxu t-tiswija permezz ta' kwalunkwe teknika kuntrattwali, tal-hardware jew tas-software. Il-produtturi ma għandhomx jimpedixxu l-użu ta' partijiet ta' rikambju oriġinali jew użati, partijiet ta' rikambju kompatibbli u partijiet ta' rikambju maħruġa mill-**

*istampar 3D, minn sewwejja indipendenti meta dawk il-partijiet ta' rikambju jkunu konformi mar-rekwiżiti skont id-dritt nazżjonali jew tal-Unjoni.*

#### Emenda 45

##### Proposta għal direttiva Artikolu 5 - paragrafu 3c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3c.** *Il-produtturi ma għandhomx jirrifjutaw li jagħmlu manutenzjoni ta' apparat jew isewwu tali apparat li jkun inxtara jew issewwa minn qabel barra mis-servizz awtorizzat jew min-networks tad-distribuzzjoni tagħhom.*

#### Emenda 46

##### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 biex temenda l-Anness II billi **taġġorna l-lista ta' atti legali tal-Unjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' tiswija** fid-dawl tal-iżviluppi leġiżlattivi.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 biex temenda l-Anness II billi **żżid oġġetti ġodda li jistgħu jissewwew mal-lista** fid-dawl tal-iżviluppi leġiżlattivi **jew tas-suq.**

#### Emenda 47

##### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-obbligu tagħhom li jsewwu skont l-Artikolu 5 jipprovdu informazzjoni dwar is-servizzi ta' tiswija b'mod faċilment

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi **jew il-bejjiegħa** jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-obbligu tagħhom li jsewwu skont l-Artikolu 5 **u** jipprovdu informazzjoni dwar is-servizzi ta' tiswija

aċċessibbli, ċar u li jinftiehem, pereżempju permezz tal-pjattaforma online msemmija fl-Artikolu 7.

**mingħajr ħlas**, b' mod faċilment aċċessibbli, ċar u li jinftiehem, pereżempju permezz tal-pjattaforma online msemmija fl-Artikolu 7, **is-siti web rilevanti tagħhom jew fil-punt tal-bejgħ**.

## Emenda 48

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun teżisti mill-anqas pjattaforma online waħda għat-territorju tagħhom li **tippermetti** lill-konsumaturi jsibu sewwejja. **Dik il-pjattaforma għandha:**

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun teżisti mill-anqas pjattaforma online waħda għat-territorju tagħhom. **L-Istati Membri għandhom jippromwovu b' mod partikolari inizjattivi privati li jkollhom bħala għan li jistabbilixxu tali pjattaformi online. Tali pjattaformi online għandhom jippermettu lill-konsumaturi jsibu faċilment sewwejja, inklużi komunitajiet immexxija mit-tiswija u kafetteriji tat-tiswija u għandhom:**

## Emenda 49

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jinkludu funzjonijiet ta' tiftix fir-rigward ta' oġġetti, il-post tas-servizzi ta' tiswija, il-kundizzjonijiet tat-tiswija, inkluż il-ħin meħtieġ biex titlesta t-tiswija, id-disponibbiltà ta' oġġetti ta' sostituzzjoni temporanja u l-post fejn il-konsumatur jgħaddi l-oġġetti għat-tiswija, id-disponibbiltà u l-kundizzjonijiet ta' servizzi anċillari, inklużi l-ġarr, l-installazzjoni u t-trasport, offruti mis-sewwejja, u l-istandards ta' kwalità Ewropej jew nazzjonali applikabbli;

#### *Emenda*

(a) jinkludu funzjonijiet ta' tiftix fir-rigward ta' oġġetti, il-post tas-servizzi ta' tiswija, **inkluża funzjoni bbażata fuq il-mapep, il-possibbiltà ta' forniment ta' servizzi transfruntiera**, il-kundizzjonijiet tat-tiswija, inkluż il-ħin meħtieġ biex titlesta t-tiswija, id-disponibbiltà ta' oġġetti ta' sostituzzjoni temporanja u l-post fejn il-konsumatur jgħaddi l-oġġetti għat-tiswija, id-disponibbiltà u l-kundizzjonijiet ta' servizzi anċillari, inklużi l-ġarr, l-installazzjoni u t-trasport, offruti mis-sewwejja, u l-istandards ta' kwalità Ewropej jew nazzjonali applikabbli;

## **Emenda 50**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ca) jinformaw lill-konsumaturi dwar l-inċentivi finanzjarji u fiskali applikabbli biex jitnaqqsu l-kostijiet tat-tiswija;***

## **Emenda 51**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) jippermettu li l-konsumaturi jipprovdu rieżami jew klassifikazzjoni, li jirriflettu l-kwalità tax-xogħol tas-sewwejja;***

## **Emenda 52**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Kull meta jkun hemm mill-anqas pjattaforma waħda fit-territorju ta' Stat Membru bi sjieda privata li tissodisfa r-rekwiżiti elenkati fl-ewwel subparagrafu, l-obbligu f'dak is-subparagrafu jitqies li ġie ssodisfat mill-Istat Membru rispettiv.***

## **Emenda 53**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Ir-reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma online għas-sewweġja, kif ukoll għall-bejjiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rinnovazzjoni u għax-xerreġja ta' oġġetti difettużi għar-rinnovazzjoni, għandha tkun volontarja. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-aċċess għall-pjattaforma f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. L-użu tal-pjattaforma online għandu jkun mingħajr ħlas għall-konsumaturi.

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 7 – paragrafu 3b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Ir-reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma online għas-sewweġja, kif ukoll **għall-inizjattivi ta' tiswija mill-komunità bħall-kafetteriji tat-tiswija**, għall-bejjiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rinnovazzjoni u għax-xerreġja ta' oġġetti difettużi għar-rinnovazzjoni, għandha tkun volontarja. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-aċċess għall-pjattaforma f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. L-użu tal-pjattaforma online għandu jkun mingħajr ħlas għall-konsumaturi.

*Emenda*

**3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaformi online jkunu aċċessibbli, u jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta tkun aġġornata, u ppreżentata b'mod faċli għall-konsumatur.**

*Emenda*

**3b. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-links tal-pjattaformi online eżistenti għat-tiswija fit-territorju tagħhom sa ... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u l-link ta' kull pjattaforma online ġdida għat-tiswija fi żmien 14-il jum tax-xogħol mit-tnedija tagħha. Il-Kummissjoni għandha iżomm bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku, faċilment**

*aċċessibbli u li tingara mill-magni tal-pjattaformi online għat-tiswija rreġistrati fi ħdan l-Istati Membri.*

## **Emenda 56**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3c.** *L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jinfurmaw lill-konsumaturi, lill-operaturi ekonomiċi rilevanti u lill-bejgiegħa dwar id-disponibbiltà tal-pjattaformi online stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u li l-konsumaturi jkollhom aċċess faċli għalihom.*

## **Emenda 57**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3d.** *L-operatur ekonomiku rilevanti jew pjattaforma online li tippermetti lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod għandhom jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-pjattaformi online, stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fit-territorju tagħhom.*

## **Emenda 58**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 7a*



***Miżuri għall-Intrapriżi Mikro, Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs)***

***1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jappoġġaw lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE biex jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva. Dawk il-miżuri għandhom mill-anqas jinkludu:***

***a) linji gwida jew miżuri simili biex titqajjem kuxjenza dwar kif tintlaħaq il-konformità mar-rekwiżiti u l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva;***

***b) taħriġ infassal apposta għall-intraprendituri u l-impjegati tagħhom.***

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 9a***

***Miżuri tal-Istati Membri li jippromwovu t-tiswija***

***1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jippromwovu t-tiswija.***

***2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu, pereżempju, jieħdu l-forma ta' vawċers għat-tiswija, fondi nazzjonali għat-tiswija jew azzjonijiet u inċentivi oħra.***

***3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1. Sa ... [12-il xahar wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk il-miżuri disponibbli għall-pubbliku. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar il-miżuri applikabbli***

sa ... [12-il xahar wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva].

4. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-libertajiet fundamentali li jiġu pprovduti servizzi u ta' stabbiliment kif minquxa fit-Trattati japplikaw għall-fornituri ta' servizzi ta' tiswija, inkluż f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/958, kif applikabbli. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma għandhomx jintroduċu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom rekwiżiti ta' kwalifika mhux ġustifikati għal servizzi ta' tiswija professjonali u lanqas ma għandhom iwettqu kontrolli, spezzjonijiet jew investigazzjonijiet li mhumiex ġustifikati fid-dawl ta' dawk il-libertajiet fundamentali.*

5. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornitur ta' tiswija għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità għal parti jew partijiet, aspetti jew karatteristika msewwija tal-oġġett, li jkun jeżisti fiż-żmien meta l-konsumatur ikun irċieva l-oġġett imsewwi u li joħroġ fid-dieher f'perjodu minimu ta' mill-inqas 12-il xahar minn dak iż-żmien.*

6. *L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu prattiki li jimpedixxu lill-konsumaturi milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għat-tiswija, inklużi iżda mhumiex limitati għal:*

(a) *projbizzjoni ta' prattiki li jwasslu l-konsumaturi jaħsbu li l-oġġett tagħhom ma jistax jissewwa minħabba tiswija jew spezzjonijiet preċedenti minn sewwej indipendenti, sewwej mhux professjonali jew utenti aħħarin, jew li jwassluhom jaħsbu li din tista' tiġġenera riskji relatati mas-sikurezza;*

(b) *projbizzjoni ta' kwalunkwe teknika kuntrattwali, ta' hardware jew ta' software li tista' tipprevjeni jew tillimita t-tiswija u tipprojbixxi r-rifjut tat-tiswija ta' oġġett li jkun issewwa qabel minn sewwej indipendenti, sewwej mhux professjonali*

*jew utent aħħari.*

## **Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-garanziji kummerċjali ta' durabbiltà mibjugħa flimkien mal-garanzija legali ta' konformità skont id-Direttiva (UE) 2019/771, għandhom dejjem jinkludu dritt għat-tiswija għall-prodott kopert matul id-durata tagħha. Meta jippromwovu l-garanzija kummerċjali, il-produtturi għandhom jiżguraw li jiġi pprovdut sommarju tal-kundizzjonijiet tal-garanzija kummerċjali b'mod ċar u preċiż, sabiex il-konsumaturi jkunu konxji bis-sħiħ mid-drittijiet tagħhom u ma jiġux imqarrqa.*

## **Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriterji mhux eżawrjenti u indikattivi li ġejjin jitqiesu għall-impożizzjoni ta' penali, meta xieraq:*

*(a) in-natura, il-gravità, l-iskala u t-tul ta' żmien tal-ksur;*

*(b) il-kapaċitajiet finanzjarji u d-daqs tal-intrapriża kkonċernata;*

*(c) kwalunkwe azzjoni li jieħu l-bejjiegħ jew il-produttur biex itaffi jew jirrimedja d-dannu mġarrab mill-konsumaturi;*

*(d) kwalunkwe ksur preċedenti mill-bejjiegħ jew mill-produttur;*

*(e) il-benefiċċji finanzjarji miksuba jew it-telf evitat mill-bejgiegħ jew mill-produttur dovuti għall-ksur, jekk id-data rilevanti tkun disponibbli;*

*(f) il-penali imposti fuq il-bejgiegħ jew il-produttur għall-istess ksur fi Stati Membri oħra f'każijiet transfruntiera fejn informazzjoni dwar tali penali tkun disponibbli permezz tal-mekkaniżmu stabbilit mir-Regolament (UE) 2017/2394 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;*

*(g) kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor applikabli għaċ-ċirkostanzi tal-każ.*

## **Emenda 62**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jkollhom jiġu imposti penali f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2017/2394, huma jinkludu l-possibbiltà li jew jiġu imposti multi permezz ta' proċeduri amministrattivi jew jinbdew proċedimenti legali sabiex jiġu imposti multi, jew it-tnejn li huma, fejn l-ammont massimu ta' tali multi jkun tal-inqas 4 % tal-fatturat annwali tal-bejgiegħ jew tal-produttur fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri kkonċernati.*

## **Emenda 63**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 1c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1c. Għall-każijiet fejn ikollha tiġi imposta multa f'konformità mal-*

*paragrafu 1b, iżda ma tkunx disponibbli informazzjoni dwar il-fatturat annwali tal-bejjiegħ jew tal-produttur, l-Istati Membri għandhom jintroduċu l-possibbiltà li jimponu multi, li l-ammont massimu tagħhom għandu jkun tal-inqas EUR 2 miljun.*

## **Emenda 64**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Sa **24**-il xahar mid-dħul fis-seħħ, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-regoli u bil-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Emenda*

2. Sa **18**-il xahar mid-dħul fis-seħħ, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-regoli u bil-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

## **Emenda 65**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid) Direttiva (UE) 2019/771 Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d**

*Test fis-seħħ*

(d) jikkorrispondu għall-kwantità u jkollhom il-kwalitajiet u karatteristiċi oħrajn, inkluż f'termini ta' durabbiltà, funzjonalità, kompatibbiltà u sigurtà, normali għal oġġetti tal-istess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna fid-dawl tan-natura tal-oġġetti u ta' kull dikjarazzjoni pubblika magħmula minn jew f'isem il-bejjiegħ jew persuni oħra f'ħoloq

*Emenda*

***Id-Direttiva (UE) 2019/771 hija emendata kif ġej:***

***(-1) Fl-Artikolu 7(1), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:***

“(d) jikkorrispondu għall-kwantità u jkollhom il-kwalitajiet u karatteristiċi oħrajn, inkluż f'termini ta' durabbiltà, ***tiswija***, funzjonalità, kompatibbiltà u sigurtà, normali għal oġġetti tal-istess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna fid-dawl tan-natura tal-oġġetti u ta' kull dikjarazzjoni pubblika magħmula minn jew f'isem il-bejjiegħ jew persuni

aktar preċedenti tal-katina tat-tranżazzjonijiet, inkluż il-produttur, partikolarment fir-reklamar jew fuq it-tikkettar.

oħra f'hoġoq aktar preċedenti tal-katina tat-tranżazzjonijiet, inkluż il-produttur, partikolarment fir-reklamar jew fuq it-tikkettar.”

*It-test tal-parti introduttorja tal-paragrafu uniku tal-Artikolu 12 huwa emendat hawnhekk biex ikopri l-emendi 65-72.*

## Emenda 66

### Proposta għal direttiva

**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a (ġdid)**

Direttiva (UE) 2019/771

Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fl-Artikolu 13(2) tad-Direttiva (UE) 2019/771, tiżdied is-sentenza li ġejja:*

*B’deroga mill-ewwel sentenza ta’ dan il-paragrafu, meta l-kostijiet tas-sostituzzjoni jkunu daqs jew ogħla mill-kostijiet tat-tiswija, il-bejgieh għandu jsewwi l-oġġetti sabiex iġib dawk l-oġġetti f’konformità.”*

*(1) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:*

*(a) Fil-paragrafu (2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:*

*“Permezz ta’ deroga mill-ewwel subparagrafu, meta l-kostijiet tas-sostituzzjoni jkunu daqs jew ogħla mill-kostijiet tat-tiswija, il-bejgieh għandu jsewwi l-oġġetti sabiex iġib dawk l-oġġetti f’konformità, sakemm it-tiswija ma tkunx fattwalment jew legalment impossibbli jew tkun toħloq inkonvenjenza sinifikanti lill-konsumatur.”*

## Emenda 67

### Proposta għal direttiva

**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b (ġdid)**

Direttiva (UE) 2019/771

Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

*“3a. Fil-każ li l-konsumatur jagħżel it-tiswija bħala rimedju biex l-oġġetti jinġiebu f’konformità, il-konsumatur*

*jista' wkoll jitlob direttament lill-produttur biex iġib l-oġġetti f'konformità. L-eżekuzzjoni ta' din it-talba mill-produttur titqies li teħles lill-bejjiiegħ mir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 10.*

## Emenda 68

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c (ġdid)**

Direttiva (UE) 2019/771

Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

*“4a. Meta, f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-oġġett ikun ingieħ f'konformità permezz ta' tiswija, il-bejjiiegħ jew il-produttur għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità li jkun jeżisti fil-mument meta l-konsumatur ikun irċieva l-oġġetti msewwija u li jimmanifesta ruħu fi żmien sena (1) wara dak iż-żmien dment li l-Istati Membri jkunu żammew jew introduċew limiti ta' żmien għall-konformità tal-oġġett oriġinali f'konformità mal-Artikolu 10, il-paragrafi 1, 2 jew 3. Dan ma għandux japplika jekk il-bejjiiegħ ikun diġà rnexxielu jsewwi l-oġġetti f'konformità mal-Artikolu 10. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(3), dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal oġġetti b'elementi diġitali. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal limiti ta' żmien oħra skont l-Artikolu 10 u għal pretensjonijiet ulterjuri tal-konsumatur.”*

## Emenda 69

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid) – punt a (ġdid)**

Direttiva (UE) 2019/771

Artikolu 14 - paragrafu 1

1. Tiswijiet ***jew sostituzzjonijiet*** għandhom jitwettqu:
- (a) bla ħlas;
  - (b) fi żmien raġonevoli mill-mument li l-bejjiegħ ikun ġie infurmat mill-konsumatur dwar ***in-nuqqas ta' konformità; u***
  - (c) mingħajr ebda inkonvenjent sinifikanti għall-konsumatur, filwaqt li jitqiesu n-natura tal-oġġetti u l-iskop li għalih il-konsumatur kellu bżonn l-oġġetti.

***(1a) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:***

***(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

- “1. Tiswijiet għandhom jitwettqu:
- (a) bla ħlas;
  - (b) fi żmien raġonevoli mill-mument li l-bejjiegħ ikun ġie infurmat mill-konsumatur dwar ***it-tiswija;***
  - (c) mingħajr ebda inkonvenjent sinifikanti għall-konsumatur, filwaqt li jitqiesu n-natura tal-oġġetti u l-iskop li għalih il-konsumatur kellu bżonn l-oġġetti;  
***u***

***(ca) skont l-ispeċifitàjiet tal-kategorija tal-prodott rilevanti, b'mod partikolari tad-disponibbiltà permanenti tagħha għall-konsumatur, il-bejjiegħ għandu jipprovi bla ħlas oġġett ta' sostituzzjoni lill-konsumatur, inkluż oġġett rinnovat b'self jekk it-tiswija ma tkunx tista' titlesta matul il-perjodu msemmi fil-punt b).***

## Emenda 70

### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid) – punt a (ġdid)

Direttiva (UE) 2019/771

Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

***(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***“1a. Is-sostituzzjonijiet għandhom jitwettqu:***

- a) bla ħlas;***
- b) fi żmien raġonevoli mill-mument li l-bejjiegħ ikun ġie infurmat mill-***



*konsumatur dwar in-nuqqas ta' konformità;*

*c) mingħajr ebda inkonvenjenza sinifikanti għall-konsumatur, filwaqt li jitqiesu n-natura tal-oġġetti u l-iskop li għalih il-konsumatur kellu bżonn l-oġġetti.*

*d) fuq talba espliċita tal-konsumatur, billi jiġi offrut oġġett rinnovat.”*

## **Emenda 71**

### **Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid) – punt a (ġdid)**

Direttiva (UE) 2019/771

Artikolu 14 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*(c) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

*“4a. Fil-każ li l-konsumatur jiddeċiedi, skont l-Artikolu 13(3a), li l-produttur għandu jgħib l-oġġetti f'konformità permezz ta' tiswija, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-produttur għandu jitqies bħala l-bejjiegħ.”*

## **Emenda 72**

### **Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)**

Direttiva (UE) 2019/771

Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test fis-seħħ*

*Emenda*

*(1b) Fl-Artikolu 17, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

*“1a. Il-garanzija kummerċjali hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-konsumatur, skont l-Artikolu 13(3a), li jagħżel li l-produttur isewwi oġġett li ma jkunx konformi. Kwalunkwe terminu tal-garanzija kummerċjali li jiskoraġġixxi lill-konsumatur milli jeżerċita d-dritt*

*tiegħu skont l-Artikolu 13(3a) għandu jitqies null.”*

## **Emenda 73**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 14a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 14a*

##### *Rapport ta' evalwazzjoni*

*1. Sa [5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u tivvaluta l-kontribut tagħha, u b'mod partikolari l-Artikoli 5, 9a u 12, għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u t-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq in-negozji, b'mod partikolari fuq l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.*

*Fir-rigward tal-Artikolu 7 għandha tivvaluta u tevalwa l-effettività tal-pjattaformi online għat-tiswija abbażi ta' data mill-Istati Membri individwali, li jkun fiha informazzjoni dwar l-għadd ta' fornituri attivi ta' servizzi ta' tiswija, il-konsumaturi u l-għadd ta' tranżazzjonijiet imwettqa.*

*2. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar is-sejbiet ewlenin u tippreżentah lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dak ir-rapport lill-Kummissjoni.*

*3. Fejn xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi.*

## **Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**  
**Article 16 – paragraph 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għal kuntratti għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija konklużi qabel [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ].

*Emenda*

1. L-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għal kuntratti għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija konklużi qabel [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ].

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Artikolu 12 ta' din id-Direttiva ma għandux japplika għal kuntratti ta' bejgħ konklużi qabel [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ]

*Emenda*

2. L-Artikolu 12 ta' din id-Direttiva ma għandux japplika għal kuntratti ta' bejgħ konklużi qabel [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ]

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [24 xahar mid-dħul fis-seħħ]. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [18-il xahar mid-dħul fis-seħħ]. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [24 xahar mid-dħul fis-seħħ].

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [18-il xahar mid-dħul fis-seħħ].

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva  
Anness I – Parti 2 – tabella - linja 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-prezz *tat-tiswija* jew, jekk ma jistax jiġi kkalkulat, il-metodu ta' kalkolu applikabbli *u l-ogħla prezz tat-tiswija*

*Emenda*

Il-prezz *massimu mistenni għat-tiswija* jew, jekk ma jistax jiġi kkalkulat, il-metodu ta' kalkolu applikabbli

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva  
Anness I – Parti 2 – tabella - linja 10a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Jekk applikabbli, informazzjoni addizzjonali pprovduta volontarjament mis-sewwej***

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva  
Anness II – intestatura**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**LISTA TA' ATTI LEGALI TAL-UNJONI  
L-ISTABILIMENT TA' REKWIŻITI  
TAL-POSSIBBILTÀ TA' TISWIJA**

**LISTA TA' ATTI LEGALI TAL-UNJONI  
LI JISTABILIXXU R-REKWIŻITI TA'  
TISWIJA U LISTA TA' OĠĠETTI LI  
JISTGĦU JISSEWWEW**

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva  
Anness II – punt 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. [Mobiles, telefowns mingħajr fili u tablets skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE).../...<sup>29</sup>]

---

29 ...

*Emenda*

9. Mobiles, telefowns mingħajr fili u tablets skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE).../...<sup>29</sup>

---

29 ...

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva  
Anness II – punt 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**9a. Ir-roti**

## NOTA SPJEGATTIVA

### ***Il-proposta dwar id-dritt għat-tiswija***

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal regoli komuni li jipromwovu t-tiswija ta' oġġetti għandha l-għan li tagħmel it-tiswija ta' prodotti difettużi aktar attraenti u b'hekk jizjed l-ammont ta' oġġetti tal-konsum li jissewwew minflok ma jintremew. Diversi studji u sħarriġiet urew li l-konsumaturi għandhom attitudni pożittiva lejn it-tiswija tal-oġġetti. Għalhekk, ir-Rapporteur jixtieq jappoġġa dawk it-tendenzi fl-imġiba tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozju u jipromwovi l-hekk imsejjaħ dritt għat-tiswija. Ir-rapport isegwi l-linji tal-proposta tal-Kummissjoni biex jippermetti l-parteċipazzjoni tal-konsumatur fit-Tranżizzjoni Ekoloġika lejn ekonomija sostenibbli u ċirkolari. F'dan ir-rigward, ir-Rapporteur jemmen li r-rapport huwa komplementari għall-proposti leġiżlattivi dwar ir-Rekwiżiti tal-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u l-Għoti tas-Setgħa lill-Konsumaturi għat-Tranżizzjoni Ekoloġika.

### ***L-għoti ta' inċentiv għat-tiswija tul il-garanzija legali***

Ir-rapport għandu l-għan li jiċċara l-elementi ċentrali tal-proposta u jżid il-livell ta' ambizzjoni. Il-leġiżlazzjoni tal-konsumatur għandha tinkoraġġixxi t-tiswija ta' prodotti difettużi. Għalhekk, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li t-tiswija ssir aktar attraenti fil-perjodu ta' garanzija legali skont id-Direttiva dwar il-Bejgħ tal-Oġġetti permezz ta' tiswija f'waqtha u rekwiżit ta' self ta' prodott għall-konsumaturi jekk it-tiswija tiegħu żmien twil bla bżonn. Biex it-tiswija ssir aktar attraenti, il-perjodu ta' garanzija legali ta' oġġetti msewwija għandu jiġi estiż. Din mhijiex biss kwistjoni ta' sostenibbiltà iżda wkoll ta' ċarezza legali. Għalhekk, ir-Rapporteur jipproponi bħala miżura ta' darba li l-perjodu tal-garanzija legali jiġi estiż bi 12-il xahar addizzjonali ladarba l-prodott jinġieb lura għall-konformità permezz ta' tiswija. Peress li l-konsumaturi huma konxji ħafna taż-żmien li tiegħu t-tiswija meta jiġu biex isewwu l-oġġetti tagħhom, ir-Rapporteur jipproponi li l-konsumaturi jkunu jistgħu jindirizzaw direttament lill-produtturi biex isewwu l-prodotti difettużi. L-issodisfar tat-talba għal tiswija tal-produttur jeħles lill-bejgiegħ mir-responsabbiltà tiegħu għall-konformità *vis-à-vis* il-konsumatur skont id-Direttiva dwar il-Bejgħ tal-Oġġetti mingħajr ma tinholq relazzjoni legali separata bejn il-konsumatur u l-produttur.

### ***Il-ħolqien ta' suq tat-tiswija***

Għal prodotti li d-difett tagħhom, f'termini ta' żmien jew f'termini ta' ambitu, mhuwiex kopert mill-garanzija legali skont id-Direttiva dwar il-Bejgħ tal-Oġġetti, ir-rapport jipproponi li jissaħħaħ id-dritt ta' tiswija għall-konsumaturi. Fil-fehma tar-Rapporteur, id-dritt għat-tiswija

mhuwiex appendiċi għar-regolament dwar il-prodotti bħar-Regolament dwar l-Ekodisinn. Ma għandux l-intenzjoni li jirrimedja falliment tas-suq u għalhekk il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt ma għandux, bħala kwistjoni ta' prinċipju, ikun limitat għal kategoriji ta' prodotti fejn id-dinamika tas-suq ma tkunx wasslet għal prodotti li jistgħu jissewwew kif xieraq. Madankollu, id-dritt għat-tiswija jsir prattikament bla sens jekk il-produtturi ta' prodotti, li għalihom għad ma hemm l-ebda rekwiżit legali ta' tiswija fl-atti legali tal-Unjoni, ikunu jistgħu jibbażaw b'suċċess fuq impossibbiltà fattwali jew legali. Ir-Rapporteur għalhekk jappoġġa l-approċċ tal-lista pożittiva propost mill-Kummissjoni, li skontu l-prodotti li huma soġġetti għad-dritt għat-tiswija jissemmew b'mod espliċitu f'anness. Madankollu, wara kunsiderazzjoni bir-reqqa, ir-Rapporteur xorta ddeċieda li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni fir-rapport tiegħu għal kategorija ta' prodotti li jistgħu jissewwew mingħajr l-ebda rekwiżit legali ta' tiswija u fejn il-pretensjonijiet tal-konsumaturi li jsewwu se jiġu ssodisfati mill-produtturi kif ukoll mis-sewwejja indipendenti mingħajr ebda regolament dwar il-prodott speċifiku, li huma r-roti. Barra minn hekk, ġew inklużi elementi li jwasslu għal aktar kompetizzjoni f'sitwazzjonijiet ta' wara l-bejgħ. Il-produtturi mhux biss għandhom jipprovdu lill-utenti aħħarin kollha b'partijiet ta' rikambju u informazzjoni għat-tiswija iżda għandhom jipprevjenu wkoll prezzijiet projbittivi u diskriminatorji għall-partijiet ta' rikambju. Dan isaħħaħ is-suq tat-tiswija indipendenti u jagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex jagħżlu fornituri ta' servizzi ta' tiswija oħra minflok il-produtturi. Flimkien mal-istrumenti supplimentari proposti mill-proposta tal-Kummissjoni bħall-pjattaforma online u l-formola ta' informazzjoni dwar it-tiswija li, f'għajnejn ir-Rapporteur, għandha tkun waħda volontarja sabiex jiġu evitati piżijiet addizzjonali għan-negozji, is-sewwejja indipendenti se jitqiegħdu f'pożizzjoni fejn ikunu jistgħu jikkompetu mal-produtturi tradizzjonali. Fl-aħħar nett u sabiex it-tiswija tkun bi prezzijiet raġonevoli għaċ-ċittadini kollha, ir-rapport irid li l-Istati Membri jintroduċu miżuri, bħal vawċers tat-tiswija jew rati mnaqqsa tal-VAT għas-servizzi ta' tiswija, li se jżidu d-domanda għal servizzi ta' tiswija u b'hekk jagħtu spinta lill-ekonomija tat-tiswija. Fil-qosor, l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi biex l-oġġetti tagħhom jissewwew u l-ħolqien ta' suq tat-tiswija xieraq tabilħaqq se jappoġġaw l-ambizzjoni li tinħoloq ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima.





12.10.2023

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL**

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti u li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394, id-Direttivi (UE) 2019/771 u (UE) 2020/1828 (COM(2023)0155 – C9-0117/2023 – 2023/0083(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sunčana Glavak

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

#### **Id-Dritt għat-tiswija**

Allinjata mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-oġġettiv tiegħu ta' konsum sostenibbli u l-eżitu tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-proposta tal-Kummissjoni għal regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti għandha l-għan li żżid it-twissija ta' oġġetti tal-konsumatur.

Ir-Rapporteur ħadet id-deċiżjoni li tiffoka l-abbozz ta' opinjoni tagħha fuq dawk il-partijiet tal-proposta tal-Kummissjoni b'kompetenzi kondiviżi għall-Kumitat Ambjentali.

Ir-Rapporteur tappoġġa l-inizjattiva tad-dritt għat-twissija u tissottlinja l-ħtieġa li t-tiswija tal-prodotti ssir aktar faċli, aktar konvenjenti u orħos għall-konsumaturi, filwaqt li jitnaqqas l-iskart u tingħata spinta lis-settur tat-tiswija. L-abbozz ta' opinjoni jisħaq fuq id-dimensjoni min-negozju għall-konsumatur tat-tiswijiet fi ħdan din il-proposta u jinnota r-rabta mill-qrib mal-proposta leġiżlattiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, li għadha kif għiet ivvotata fis-seduta plenarja f'Lulju. Dan jistabbilixxi pedament sod biex it-tiswijiet isiru aktar faċli fil-futur billi jiġu introdotti pereżempju miżuri speċifiċi rigward obsolexxenza bikrija u punteġġ ta' tiswija permezz ta' Atti Delegati fuq bażi ta' prodott bi prodott.

Ir-Rapporteur għandha l-għan li ssaħħaħ aktar id-dritt għat-tiswija barra mill-ambitu tal-garanzija legali, għall-konsumaturi u għas-sewweġja, speċjalment fir-rigward tad-disponibbiltà tal-partijiet ta' rikambju u t-trasparenza tal-prezzijiet tagħhom, li hija waħda mill-elementi ewlenin fil-proċess tat-tiswija. Dan għandu jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat, billi jappoġġa lis-sewweġja biex ikollhom ir-riżorsi xierqa għad-domanda oġhla ta' tiswijiet, filwaqt li jagħti l-informazzjoni preċiża lill-konsumaturi, b'mod partikolari permezz tal-formola ta' informazzjoni u l-għoti ta' aktar għażliet għat-tiswija. Aktar għażliet għat-tiswija għandhom iħeġġu lill-konsumaturi biex ibiddlu kif jaħsbu dwar it-tiswija u għalhekk l-imġiba tagħhom.

Ir-Rapporteur tappella wkoll għall-promozzjoni ta' oġġetti rikondizzjonati bħala soluzzjoni alternattiva meta t-tiswija titqies impossibbli. Barra minn hekk, komplementari għad-

dispożizzjonijiet proposti mill-Kummissjoni, it-tishiĥ tal-kultura tat-tiswija permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni se jkun pass importanti lejn l-issodisfar tal-għanijiet ta' din id-Direttiva u fil-fatt ikollu effett sekondarju pożittiv li jmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Barra minn dan, aktar inċentivi bħal inċentivi finanzjarji potenzjali li jistgħu jkunu disponibbli għall-konsumaturi u s-sewwejja, li jżidu d-domanda għal servizzi ta' tiswija u li jistabbilixxu t-tiswija bħala soluzzjoni attraenti għall-konsumaturi jistgħu jipprovdu spinta addizzjonali biex iħeġġu lill-konsumaturi jsewwu l-oġġetti tagħhom u lis-sewwejja biex iżidu l-offerti tagħhom. Il-pjattaforma online u l-formola ta' informazzjoni huma soluzzjonijiet, li għandhom ikunu ta' benefiċċju għas-sewwejja u għall-konsumaturi b'mod ugwali. Il-formola ta' informazzjoni tagħti lill-konsumaturi aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha u l-possibbiltà li jqabblu offerti differenti għat-tiswija, filwaqt li żżomm il-livell ta' kompetittività bejn is-sewwejja, li għandu jwassal għal suq tat-tiswija żviluppat sew u b'kompetizzjoni b'saħħitha bbażata fuq il-prezzijiet u l-kwalità. Ir-Rapporteur tirrikonoxxi l-ħtieġa li l-pjattaformi online jkunu mingħajr ħlas u faċli għall-utent kemm għall-konsumaturi kif ukoll għas-sewwejja. Barra minn hekk, ir-Rapporteur tipproponi l-ħolqien ta' portal tal-internet ewlieni li għandu jiġi stabbilit f'kull Stat Membru, li għandu jipprovdi aċċess għall-pjattaforma nazzjonali online. Dan il-portal għandu jaġixxi bħala punt uniku ta' servizz fejn il-konsumaturi mhux biss isibu links għal kull tip ta' sewwejja iżda wkoll għall-informazzjoni tal-konsumatur u d-drittijiet legali tagħhom. Barra dan, il-ħtieġa ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni b'saħħithom u mmirati hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jsiru familjari mal-eżistenza ta' tali portal u pjattaforma online.

Il-ħolqien ta' qafas ta' funzjonament għall-konsumaturi biex itejbu d-dritt tagħhom għat-tiswija huwa fil-qalba ta' dan l-abbozz ta' opinjoni, flimkien mal-appoġġ tas-settur tan-negozju u l-SMEs, filwaqt li jkompli jiġi żviluppat is-suq tat-tiswija, li kollha qed iressqu l-Unjoni pass eqreb lejn l-oġġettiv tan-newtralità klimatika.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup> għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li tikseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika, din id-Direttiva

*Emenda*

(1) Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup> għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li tikseb livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur **kif ukoll aktar ċirkolarità fl-ekonomija**. Fil-kuntest

ssegwi l-objettiv li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li tippromwovi konsum aktar sostenibbli, u b'hekk tikkomplementa l-objettiv tad-Direttiva (UE) 2019/771.

---

<sup>12</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28).

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u b'mod partikolari biex jiġi ffaċilitat il-forniment transfruntier ta' servizzi u l-kompetizzjoni fost is-sewwejja ta' oġġetti mixtrija mill-konsumaturi fis-suq intern, **iridu** jinħolqu regoli uniformi li jippromwovu t-tiswija ta' oġġetti mixtrija mill-konsumaturi fir-responsabbiltà tal-bejjieġh u barra minnha stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/771. L-Istati Membri diġà daħħlu, jew qed jikkunsidraw li jdaħħlu, regoli li jippromwovu t-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' oġġetti mixtrija mill-konsumaturi barra mir-responsabbiltà eżistenti tal-bejjieġh stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2019/771. Ir-regoli nazzjonali obbligatori differenti f'dan il-qasam jikkostitwixxu ostakli reali jew potenzjali għall-funzjonament tas-suq intern, li jaffettwaw it-tranżazzjonijiet transfruntiera ta' operatori ekonomiċi li jaġixxu f'dak is-suq b'mod negattiv. Dawk l-operaturi jista' jkollhom jadattaw is-servizzi tagħhom biex

tat-tranżizzjoni ekoloġika, din id-Direttiva ssegwi l-objettiv li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li tippromwovi konsum aktar sostenibbli, u b'hekk tikkomplementa l-objettiv tad-Direttiva (UE) 2019/771.

---

<sup>12</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28).

##### *Emenda*

(2) Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, u b'mod partikolari biex jiġi ffaċilitat il-forniment transfruntier ta' servizzi u l-kompetizzjoni **ġusta** fost is-sewwejja ta' oġġetti mixtrija mill-konsumaturi fis-suq intern **u biex jiġi żgurat li l-Unjoni tilħaq in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 kif definit mir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12a</sup>, jeħtieġ li** jinħolqu regoli uniformi li jippromwovu t-tiswija ta' oġġetti mixtrija mill-konsumaturi fir-responsabbiltà tal-bejjieġh u barra minnha stabbilita mid-Direttiva (UE) 2019/771. L-Istati Membri diġà daħħlu, jew qed jikkunsidraw li jdaħħlu, regoli li jippromwovu t-tiswija u l-użu mill-ġdid ta' oġġetti mixtrija mill-konsumaturi barra mir-responsabbiltà eżistenti tal-bejjieġh stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2019/771. Ir-regoli nazzjonali obbligatori differenti f'dan il-qasam jikkostitwixxu ostakli reali jew potenzjali għall-funzjonament tas-suq

jikkonformaw mar-regoli nazzjonali obbligatorji differenti u jistgħu jiġu ffaċċjati b'kostijiet addizzjonali tat-tranżazzjoni biex jiksbu l-parir legali meħtieġ dwar ir-rekwiżiti tal-liġi tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-konsumatur, meta dan ikun japplika b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup>, u li jadattaw il-kuntratti tagħhom għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija skont dan. B'mod partikolari, dan se jaffettwa, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li huma rappreżentati l-aktar fis-settur tat-tiswija. Il-frammentazzjoni legali tista' taffettwa b'mod negattiv ukoll il-fiduċja tal-konsumatur fit-tiswija transfruntiera minħabba inċertezzi rigward fatturi li huma importanti fid-deċiżjoni li jissewwew l-oġġetti.

intern, li jaffettwaw it-tranżazzjonijiet transfruntiera ta' operatori ekonomiċi li jaġixxu f'dak is-suq b'mod negattiv. Dawk l-operaturi jista' jkollhom jadattaw is-servizzi tagħhom biex jikkonformaw mar-regoli nazzjonali obbligatorji differenti u jistgħu jiġu ffaċċjati b'kostijiet addizzjonali tat-tranżazzjoni biex jiksbu l-parir legali meħtieġ dwar ir-rekwiżiti tal-liġi tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-konsumatur, meta dan ikun japplika b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup>, u li jadattaw il-kuntratti tagħhom għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija skont dan. B'mod partikolari, dan se jaffettwa, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li huma rappreżentati l-aktar fis-settur tat-tiswija. Il-frammentazzjoni legali tista' taffettwa b'mod negattiv ukoll il-fiduċja tal-konsumatur fit-tiswija transfruntiera minħabba inċertezzi rigward fatturi li huma importanti fid-deċiżjoni li jissewwew l-oġġetti.

---

<sup>13</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

---

<sup>12a</sup> *Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).*

<sup>13</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal direttiva Premessa 3**

(3) Sabiex jitnaqqas ir-rimi prematur ta' oġġetti vijabbli mixtrija mill-konsumaturi u biex il-konsumaturi jiġu mħeġġa jużaw l-oġġetti tagħhom għal aktar żmien, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar it-tiswija ta' dawn l-oġġetti. It-tiswija jenħtieġ li tirriżulta f'konsum aktar sostenibbli, peress li x'aktarx tiġġenera ammont anqas ta' skart **ikkawżat** minn oġġetti mormija, inqas domanda għar-riżorsi, inkluża l-enerġija, ikkawżata mill-proċess tal-manifattura u l-bejgħ ta' oġġetti ġodda li jissostitwixxu oġġetti difettużi, kif ukoll livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Din id-Direttiva tippromwovi konsum sostenibbli bil-ħsieb li jinkisbu benefiċċji għall-ambjent filwaqt li tipproduċi wkoll benefiċċji għall-konsumaturi billi tevita kostijiet assoċjati ma' xiri ġdid fuq medda qasira ta' żmien.

(3) Sabiex jitnaqqas ir-rimi prematur ta' oġġetti vijabbli mixtrija mill-konsumaturi u biex il-konsumaturi jiġu mħeġġa jużaw l-oġġetti tagħhom għal aktar żmien, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar it-tiswija ta' dawn l-oġġetti, **obbligi għall-produtturi rilevanti biex isewwu tali oġġetti u biex jiġi ssimplifikat il-proċess għall-konsumaturi ħalli jissewew l-oġġetti tagħhom**. It-tiswija jenħtieġ li tirriżulta f'konsum aktar sostenibbli, peress li x'aktarx tiġġenera ammont anqas ta' skart **u tnaqqas id-dispersjoni ta' sustanzi tossiċi u skart ta' materja prima kritika kkawżati** minn oġġetti mormija, inqas domanda għar-riżorsi, inkluża l-enerġija, ikkawżata mill-proċess tal-manifattura u l-bejgħ ta' oġġetti ġodda li jissostitwixxu oġġetti difettużi, kif ukoll livelli aktar baxxi ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Din id-Direttiva tippromwovi konsum sostenibbli bil-ħsieb li jinkisbu benefiċċji għall-ambjent, **billi tippromwovi ċiklu tal-ħajja ta' prodotti li jinkludu l-użu mill-ġdid, it-tiswija, ir-rikondizzjonar u r-riċiklaġġ**, filwaqt li tipproduċi wkoll benefiċċji għall-konsumaturi billi tevita kostijiet assoċjati ma' xiri ġdid fuq medda qasira ta' żmien.

#### Emenda 4

##### Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)

(6a) **Diversi ostakli jipprevjenu lill-konsumaturi milli jagħżlu t-tiswija, b'mod partikolari n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' tiswija ta' prodott meta jixtru oġġett, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar is-servizzi ta' tiswija, in-nuqqas ta' aċċess għall-partijiet ta' rikambju, in-nuqqas ta'**

*interoperabbiltà u ostakli tekniċi simili, iżda fuq kollox il-kostijiet tat-tiswija li jibqgħu għoljin wisq. Din id-Direttiva jenħtieġ li għalhekk tiżgura li l-konsumaturi jkunu jistgħu jużaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom għat-tiswija.*

## Emenda 5

### Proposta għal direttiva Premessa 6b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(6b) L-għan ta' din id-Direttiva se jkun appoġġat mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva [li tagħti s-setgħa lill-konsumaturi fit-tranżizzjoni ekoloġika] fl-iżgurar li l-manifatturi u d-distributuri ma jqarrqux bil-konsumaturi biex jaħsbu li l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għat-tiswija mal-fornitur tal-għażla tagħhom jista' jiġġenera riskji tekniċi jew għas-sikurezza.*

## Emenda 6

### Proposta għal direttiva Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7) Sabiex il-konsumaturi jiġu meġħjuna jidentifikaw u jagħżlu servizzi ta' tiswija xierqa, il-konsumaturi jenħtieġ li jirċievu informazzjoni ewlenija dwar is-servizzi ta' tiswija. Il-formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija jenħtieġ li tistabbilixxi parametri ewlenin li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-konsumaturi dwar meta jikkunsidraw jekk isewwux oġġetti difettużi jew le. Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi mudell ta' format standardizzat. Format standardizzat għall-preżentazzjoni ta' servizzi ta' tiswija

(7) Sabiex il-konsumaturi jiġu meġħjuna jidentifikaw u jagħżlu servizzi ta' tiswija xierqa, **f'waqthom u bi prezz raġonevoli**, il-konsumaturi jenħtieġ li jirċievu informazzjoni ewlenija dwar is-servizzi ta' tiswija. Il-formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija jenħtieġ li tistabbilixxi parametri ewlenin li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-konsumaturi dwar meta jikkunsidraw jekk isewwux oġġetti difettużi jew le. Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi mudell ta' format standardizzat. Format standardizzat



jenħtieġ li jippermetti li l-konsumaturi jivvalutaw u jqabblu s-servizzi ta' tiswija faċilment. Tali format standardizzat jenħtieġ li jiffaċilita wkoll il-proċess tal-għoti ta' informazzjoni dwar is-servizzi **tat-tiswija**, b'mod partikolari għan-negozji mikro, żgħar u ta' daqs medju li jipprovdu servizzi **tat-tiswija**. Sabiex jiġu evitati piżijiet addizzjonali minħabba rekwiżiti ta' informazzjoni prekontrattwali li jikkoinċidu, jenħtieġ li sewwej jitqies li jkun issodisfa r-rekwiżiti ta' informazzjoni korrispondenti tal-atti legali rilevanti tal-UE fejn applikabbli, jekk il-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija tkun imtliet b'mod korrett u tkun ingħatat lill-konsumatur. L-informazzjoni fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija jenħtieġ li tingħata lill-konsumaturi b'mod ċar u li jinftiehem u f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tad-Direttiva 2019/882<sup>14</sup>.

---

<sup>14</sup> Id-Direttiva 2019/882/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

## Emenda 7

### Proposta għal direttiva Premessa 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) L-għażla libera tal-konsumatur li jiddeċiedi minn min għandu jsewwi l-oġġetti tiegħu jenħtieġ li tiġi ffaċilitata billi l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija tintalab mhux biss mingħand il-produttur, iżda wkoll mingħand il-bejjiegħ tal-oġġetti inkwistjoni jew sewwejjja indipendenti, fejn applikabbli. Is-sewwejjja

għall-preżentazzjoni ta' servizzi ta' tiswija jenħtieġ li jippermetti li l-konsumaturi jivvalutaw u jqabblu s-servizzi ta' tiswija faċilment. Tali format standardizzat jenħtieġ li jiffaċilita wkoll il-proċess tal-għoti ta' informazzjoni dwar is-servizzi **ta' tiswija indipendenti u professjonali**, b'mod partikolari għan-negozji mikro, żgħar u ta' daqs medju li jipprovdu servizzi **ta' tiswija**. Sabiex jiġu evitati piżijiet addizzjonali minħabba rekwiżiti ta' informazzjoni prekontrattwali li jikkoinċidu, jenħtieġ li sewwej jitqies li jkun issodisfa r-rekwiżiti ta' informazzjoni korrispondenti tal-atti legali rilevanti tal-UE fejn applikabbli, jekk il-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija tkun imtliet b'mod korrett u tkun ingħatat lill-konsumatur. L-informazzjoni fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija jenħtieġ li tingħata lill-konsumaturi b'mod ċar u li jinftiehem u f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tad-Direttiva 2019/882<sup>14</sup>.

---

<sup>14</sup> Id-Direttiva 2019/882/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

#### *Emenda*

(8) L-għażla libera tal-konsumatur li jiddeċiedi minn min għandu jsewwi l-oġġetti tiegħu jenħtieġ li tiġi ffaċilitata billi l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija tintalab mhux biss mingħand il-produttur, iżda wkoll mingħand il-bejjiegħ tal-oġġetti inkwistjoni jew sewwejjja indipendenti **u professjonali**, fejn

jenh̄tieġ li jipprovdu l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija meta l-konsumatur jitlob dik il-formola u s-sewwej ikollu l-intenzjoni li jipprovdi s-servizz ta' tiswija, jew ikun obligat li jsewwi, biss. Konsumatur jista' jagħżel ukoll li ma jitlobx il-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija u jikkonkludi kuntratt dwar il-forniment ta' servizzi ta' tiswija ma' sewwej skont informazzjoni prekuntrattwali pprovduta b'mezzi oħra skont id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>15</sup>

---

<sup>15</sup> Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u **tal-Kunsil** (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64-88).

applikabbi. Is-sewweġja jenh̄tieġ li jipprovdu l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija meta l-konsumatur jitlob dik il-formola u s-sewwej ikollu l-intenzjoni li jipprovdi s-servizz ta' tiswija, jew ikun obligat li jsewwi, biss. ***Il-konsumatur jenh̄tieġ li jkun konxju tad-dritt li jitlob il-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija, anke permezz ta' kampanji ta' informazzjoni.*** Konsumatur jista' jagħżel ukoll li ma jitlobx il-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija u jikkonkludi kuntratt dwar il-forniment ta' servizzi ta' tiswija ma' sewwej skont informazzjoni prekuntrattwali pprovduta b'mezzi oħra skont id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.<sup>15</sup>

---

<sup>15</sup> Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u **tal-Kunsill** (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64-88).

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Hemm sitwazzjonijiet li fihom sewwej iġarrab il-kostijiet neċessarji biex jipprovdi l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-prezz inklużi fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. ***Pereżempju***, is-sewwej jista' jkollu bżonn jispezzjona l-oġġetti biex ikun jista' jiddetermina d-difett jew it-tip ta' tiswija li

##### *Emenda*

(9) Hemm sitwazzjonijiet li fihom sewwej iġarrab il-kostijiet neċessarji biex jipprovdi l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-prezz inklużi fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. ***Il-ħlas ta' dawk il-kostijiet jenh̄tieġ li jkun limitat għal każijiet fejn*** is-sewwej jista' jkollu bżonn jispezzjona l-oġġetti biex ikun jista'



tkun meħtieġa, inkluża l-ħtieġa għal partijiet ta' rikambju, u biex jagħti stima tal-prezz tat-tiswija. F'dawn il-każijiet, is-sewwej ikun jista' biss jitlob lill-konsumatur iħallas il-kostijiet meħtieġa li jġarrab is-sewwej biex jipprovdi l-informazzjoni inkluża fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. F'konformità mal-informazzjoni prekuntrattwali u rekwiżiti oħra stabbiliti fid-Direttiva 2011/83/UE, jenħtieġ li s-sewwej jinforma lill-konsumatur dwar tali kostijiet qabel ma l-konsumatur jitlob il-forniment tal-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. Il-konsumaturi jistgħu ma jitolbux l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija meta jqisu li l-kostijiet **tal-formola** jkunu għoljin wisq.

jiddetermina d-difett jew it-tip ta' tiswija li tkun meħtieġa, inkluża l-ħtieġa għal partijiet ta' rikambju, u biex jagħti stima tal-prezz tat-tiswija. F'dawn il-każijiet, is-sewwej ikun jista' biss jitlob lill-konsumatur iħallas il-kostijiet meħtieġa li jġarrab is-sewwej biex jipprovdi l-informazzjoni inkluża fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. **Dawk il-kostijiet jenħtieġ li jkunu jistgħu jitnaqqsu mill-prezz finali tat-tiswija, hliief għall-produtturi obbligati li jsewwu f'konformità mal-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva fejn dawn il-produtturi jenħtieġ li dejjem jipprovdu l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija mingħajr ħlas meta jintalbu.** F'konformità mal-informazzjoni prekuntrattwali u rekwiżiti oħra stabbiliti fid-Direttiva 2011/83/UE, jenħtieġ li s-sewwej jinforma lill-konsumatur dwar tali kostijiet qabel ma l-konsumatur jitlob il-forniment tal-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. Il-konsumaturi jistgħu ma jitolbux l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija meta jqisu li l-kostijiet **biex jiksbu dik il-formola** jkunu għoljin wisq.

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Is-sewwejja jenħtieġ li ma jbidlux il-kundizzjonijiet tat-tiswija li jipprovdu fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija, inkluż dwar il-prezz għat-tiswija, għal **ċertu perjodu ta' żmien**. Dan jiżgura li l-konsumaturi jingħataw biżżejjed żmien biex iqabblu offerti ta' tiswija differenti. Sabiex tiġi salvagwardjata kemm jista' jkun il-libertà kuntrattwali tas-sewwejja, minbarra l-produtturi ta' oġġetti li għalihom japplika obbligu ta' tiswija, biex ikunu jistgħu

#### *Emenda*

(10) Is-sewwejja jenħtieġ li ma jbidlux il-kundizzjonijiet tat-tiswija li jipprovdu fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija, inkluż dwar il-prezz għat-tiswija, għal **mill-anqas 30 jum kalendarju mill-jum li fih il-konsumatur jirċievi l-formola**. Dan jiżgura li l-konsumaturi jingħataw biżżejjed żmien biex iqabblu offerti ta' tiswija differenti. Sabiex tiġi salvagwardjata kemm jista' jkun il-libertà kuntrattwali tas-sewwejja, minbarra l-produtturi ta' oġġetti li għalihom japplika

jiddeċiedu jekk jikkonkludux kuntratt għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija jew le, jenħtieġ li s-sewweġja jibqgħu liberi li jiddeċiedu li ma jikkonkludux tali kuntratt, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn ikunu pprovdew il-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. Jekk kuntratt għall-forniment **għoti** ta' servizzi ta' tiswija jiġi konkluż abbażi tal-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija, l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tat-tiswija u l-prezz li tkun tinsab f'dik il-formola jenħtieġ li tikkostitwixxi parti integrali mill-kuntratt għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija, u b'hekk tiddefinixxi l-obbligi tas-sewweġ skont dak il-kuntratt. In-nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi kuntrattwali huwa rregolat mil-liġi nazzjonali applikabbli.

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Peress li l-obbligu ta' tiswija impost fuq il-produtturi skont din id-Direttiva jkopri difetti li mhumiex dovuti għannuqqas ta' konformità tal-oġġetti ma' kuntratt ta' bejgħ, il-produtturi jistgħu jipprovdu tiswija għal prezz li jitħallas mill-konsumatur, għal kwalunkwe tip ta' kunsiderazzjoni oħra jew b'xejn. Il-ħlas ta' prezz jenħtieġ li jħeġġeġ lill-produtturi jiżviluppaw mudelli ta' negozju sostenibbli, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' tiswija. Prezz bħal dan jista' jqis, pereżempju, il-kostijiet lavorattivi, il-kostijiet tal-partijiet ta' rikambju, il-kostijiet tal-operat tal-faċilità tat-tiswija u l-marġni abitwali. Il-prezz u l-kundizzjonijiet tat-tiswija **għandhom** jiġu miftiehma f'kuntratt bejn il-konsumatur u l-produttur u l-konsumatur jenħtieġ li

obbligu ta' tiswija, biex ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk jikkonkludux kuntratt għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija jew le, jenħtieġ li s-sewweġja jibqgħu liberi li jiddeċiedu li ma jikkonkludux tali kuntratt, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn ikunu pprovdew il-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. Jekk kuntratt għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija jiġi konkluż abbażi tal-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija, l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tat-tiswija u l-prezz li tkun tinsab f'dik il-formola jenħtieġ li tikkostitwixxi parti integrali mill-kuntratt għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija, u b'hekk tiddefinixxi l-obbligi tas-sewweġ skont dak il-kuntratt. In-nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi kuntrattwali huwa rregolat mil-liġi nazzjonali applikabbli.

#### *Emenda*

(12) Peress li l-obbligu ta' tiswija impost fuq il-produtturi skont din id-Direttiva jkopri difetti li mhumiex dovuti għannuqqas ta' konformità tal-oġġetti ma' kuntratt ta' bejgħ, il-produtturi jistgħu jipprovdu tiswija għal prezz **raġonevoli u nondiskriminatorju** li jitħallas mill-konsumatur, għal kwalunkwe tip ta' kunsiderazzjoni oħra jew b'xejn. Il-ħlas ta' prezz **raġonevoli u nondiskriminatorju** jenħtieġ li jħeġġeġ **kemm** lill-produtturi jiżviluppaw mudelli ta' negozju sostenibbli, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' tiswija, **kif ukoll lill-konsumaturi biex ifittxu it-tiswija**. Tali prezz jista' jqis, pereżempju, il-kostijiet lavorattivi, il-kostijiet tal-partijiet ta' rikambju, il-kostijiet **tat-trasport u l-konsenja, il-kostijiet** tal-operat tal-faċilità tat-tiswija u

jibqa' liberu li jiddeċiedi jekk dak il-prezz u dawk il-kundizzjonijiet ikunux aċċettabbli. Il-ħtieġa għal kuntratt bħal dan u l-persjoni kompetittiva minn sewweġja oħra jenħtieġ li jinkoraġġixxu lill-produtturi li huma obbligati li jsewwu biex iżommu l-prezz aċċettabbli għall-konsumatur. L-obbligu ta' tiswija jista' jitwettaq ukoll mingħajr ħlas meta d-difett ikun kopert minn garanzija kummerċjali, pereżempju fir-rigward tad-durabbiltà garantita tal-oġġetti.

l-marġni abitwali. Il-prezz u l-kundizzjonijiet tat-tiswija **jenħtieġ li** jiġu miftiehma f'kuntratt bejn il-konsumatur u l-produttur u l-konsumatur jenħtieġ li jibqa' liberu li jiddeċiedi jekk dak il-prezz u dawk il-kundizzjonijiet ikunux aċċettabbli. Il-ħtieġa għal kuntratt bħal dan u l-persjoni kompetittiva minn sewweġja oħra jenħtieġ li jinkoraġġixxu lill-produtturi li huma obbligati li jsewwu biex iżommu l-prezz aċċettabbli għall-konsumatur. L-obbligu ta' tiswija jista' jitwettaq ukoll mingħajr ħlas meta d-difett ikun kopert minn garanzija kummerċjali, pereżempju fir-rigward tad-durabbiltà garantita tal-oġġetti. **Sabiex il-konsumaturi jiġu incattivati biex il-prodott tagħhom jissewwa barra mill-ambitu tal-garanzija legali, produttur jista' jipprova oġġett ta' sostituzzjoni jew rikondizzjonat għat-tul ta' żmien tat-tiswija, li huwa mistenni li jiġi rritornat ladarba l-konsumatur jirċievi l-oġġett imsewwi tiegħu.**

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva Premessa 12a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(12a) Sabiex jiġi żgurat ċiklu tal-ħajja sostenibbli tal-prodott, il-produtturi u l-bejjieġha, anke f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, jistgħu joffru bonusijiet ta' tmiem iċ-ċiklu għal prodotti li ma jistgħux jissewwew aktar, sabiex jinċentivaw lill-konsumatur bl-opportunità li jixtri prodott bi prestazzjoni ambjentali aħjar.**

## Emenda 12

### Proposta għal direttiva

## Premessa 14

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont ir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli] jew il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>, **li skonthom** il-produtturi jenħtieġ li jipprovdu aċċess għal partijiet ta' rikambju, informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni jew kwalunkwe għodda tas-software, firmware jew mezzi awżiljarji simili relatati mat-tiswija. Dawk ir-rekwiżiti jiżguraw il-fattibbiltà teknika tat-tiswija mhux biss min-naħa tal-produttur iżda wkoll min-naħa ta' sewwejja oħra. Bħala konsegwenza, il-konsumatur jista' jagħżel sewwej li jrid.

---

<sup>16</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni) (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10-35).

### *Emenda*

(14) Japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont ir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli] jew il-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>. **Skont dawk ir-rekwiżiti**, il-produtturi jenħtieġ li jipprovdu aċċess għal partijiet ta' rikambju **u għodda, inklużi partijiet ta' rikambju oriġinali, għas-sewwejja u l-konsumaturi**, informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni jew kwalunkwe għodda tas-software, firmware jew mezzi awżiljarji simili relatati mat-tiswija **għal prezzijiet raġonevoli u nondiskriminatorji, filwaqt li titqies il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva u sigrieti kummerċjali**. Dawk ir-rekwiżiti jiżguraw il-fattibbiltà teknika tat-tiswija mhux biss min-naħa tal-produttur iżda wkoll min-naħa ta' sewwejja oħra. Bħala konsegwenza, il-konsumatur jista' jagħżel sewwej li jrid, **li tiżgura l-kompetizzjoni u jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi b'servizzi aħjar u prezzijiet aktar baxxi meta jagħżel sewwej. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li din id-Direttiva tħeġġeġ li l-atturi kollha tas-settur tat-tiswija jkunu jistgħu jaċċessaw il-partijiet ta' rikambju bi prezz raġonevoli u nondiskriminatorju, kif ukoll l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni u l-għodod ta' dijanjożi meħtieġa għat-tiswija, kemm jekk ikunu hardware kif ukoll software**.

---

<sup>16</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni) (Test b'relevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10-35).

## Emenda 13

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 16

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq il-produtturi u sabiex jiġi żgurat li huma kapaċi jwettqu l-obbligu tagħhom li jsewwu, dak l-obbligu jenħtieġ li jkun limitat għal dawk il-prodotti li għalihom kwalunkwe rekwiżit ta' tiswija ikun previst fl-atti legali tal-Unjoni, u fil-limitu tagħhom. ***Ir-rekwiżiti ta' tiswija ma jibbligawx lill-produtturi jsewwu oġġetti difettużi, iżda jiżguraw li l-oġġetti jkunu jistgħu jissewwew.*** Tali rekwiżiti ta' tiswija jistgħu jiġu stabbiliti fl-atti legali rilevanti tal-Unjoni. Fost l-eżempji hemm atti delegati adottati skont ir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli] jew miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>, li joħlqu qafas biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti. ***Din il-limitazzjoni tal-obbligu ta' tiswija tiżgura li dawk l-oġġetti li jistgħu jissewwew biss ikunu soġġetti għal tali obbligu.*** Ir-rekwiżiti rilevanti ta' possibbiltà ta' tiswija jinkludu rekwiżiti tad-disinn li jtejbu l-kapaċità li l-oġġetti jiġu żarmati u firxa ta' partijiet ta' rikambju li għandhom ikunu disponibbli għal perjodu minimu. L-obbligu ta' tiswija jikkorrispondi mal-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' tiswija, pereżempju, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jistgħu japplikaw biss għal ċerti komponenti tal-oġġetti jew jista' jiġi stabbilit perjodu speċifiku ta' żmien biex il-partijiet ta' rikambju jkunu disponibbli. L-obbligu ta' tiswija skont din id-Direttiva, li jippermetti lill-konsumaturi jitolbu t-tiswija lill-produttur direttament fil-fażi ta' wara l-bejgħ, jikkomplementa r-rekwiżiti relatati man-naħa tal-provvista dwar il-possibbiltà ta' tiswija li huma stipulati fir-Regolament [dwar l-Ekodisinn

##### *Emenda*

(16) Sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq il-produtturi u sabiex jiġi żgurat li huma kapaċi jwettqu l-obbligu tagħhom li jsewwu, dak l-obbligu jenħtieġ li jkun limitat għal dawk il-prodotti li għalihom kwalunkwe rekwiżit ta' tiswija ikun previst fl-atti legali tal-Unjoni, u fil-limitu tagħhom. Tali rekwiżiti ta' tiswija jistgħu jiġu stabbiliti fl-atti legali rilevanti tal-Unjoni. Fost l-eżempji hemm atti delegati adottati skont ir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli] jew miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>, li joħlqu qafas biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti. Ir-rekwiżiti rilevanti ta' possibbiltà ta' tiswija jinkludu rekwiżiti tad-disinn li jtejbu l-kapaċità li l-oġġetti jiġu żarmati u firxa ta' partijiet ta' rikambju li għandhom ikunu disponibbli għal perjodu minimu. L-obbligu ta' tiswija jikkorrispondi mal-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' tiswija, pereżempju, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jistgħu japplikaw biss għal ċerti komponenti tal-oġġetti jew jista' jiġi stabbilit perjodu speċifiku ta' żmien biex il-partijiet ta' rikambju jkunu disponibbli. L-obbligu ta' tiswija skont din id-Direttiva, li jippermetti lill-konsumaturi jitolbu t-tiswija lill-produttur direttament fil-fażi ta' wara l-bejgħ, jikkomplementa r-rekwiżiti relatati man-naħa tal-provvista dwar il-possibbiltà ta' tiswija li huma stipulati fir-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli], filwaqt li jinkoraġġixxi d-domanda tal-konsumatur għat-tiswija.

għal Prodotti Sostenibbli], filwaqt li jinkoraġġixxi d-domanda tal-konsumatur għat-tiswija.

---

<sup>17</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni).

---

<sup>17</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (riformulazzjoni).

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva Premessa 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Filwaqt li din id-Direttiva timponi l-obbligu ta' tiswija fuq il-produttur, tiffaċilita wkoll l-għażla tal-konsumatur ta' servizzi ta' tiswija minn sewwejja oħra. B'mod partikolari jenħtieġ li din l-għażla tiġi ffaċilitata billi l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija **ma tintalabx** biss mingħand il-produttur iżda wkoll mingħand sewwejja oħra bħall-bejjiegħ jew sewwejja indipendenti jew billi jsir tiftix permezz tal-pjattaforma ta' tiswija online. Peress li l-konsumaturi jkollhom iħallsu għat-tiswija, x'aktarx li jqabblu l-opportunitajiet ta' tiswija sabiex jagħżlu l-aktar servizzi ta' tiswija xierqa għall-ħtiġijiet tagħhom. Għalhekk, x'aktarx li javviċinaw lis-sewwejja indipendenti fil-viċinanza tagħhom jew lill-bejjiegħ qabel ma jikkuntattjaw produtturi li jistgħu, pereżempju, jkunu jinsabu f' distanza akbar u li għalihom il-prezz jista' jkun oġhla minħabba l-kostijiet tat-trasport.

#### *Emenda*

(18) Filwaqt li din id-Direttiva timponi l-obbligu ta' tiswija fuq il-produttur, tiffaċilita wkoll l-għażla tal-konsumatur ta' servizzi ta' tiswija minn sewwejja oħra, **inklużi dawk indipendenti u professjonali**. B'mod partikolari jenħtieġ li din l-għażla tiġi ffaċilitata **permezz ta' miżuri li jiżguraw kompetizzjoni ġusta fis-settur tat-tiswija bħall-iżguraw tal-aċċess għall-partijiet ta' rikambju b'kostijiet raġonevoli għall-atturi kollha tas-settur, iżda wkoll billi l-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jitolbu** l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija **mhux** biss mingħand il-produttur iżda wkoll mingħand sewwejja oħra bħall-bejjiegħ jew sewwejja indipendenti **u professjonali** jew billi jsir tiftix permezz tal-pjattaforma ta' tiswija online. Peress li l-konsumaturi jkollhom iħallsu għat-tiswija, x'aktarx li jqabblu l-opportunitajiet ta' tiswija sabiex jagħżlu l-aktar servizzi ta' tiswija xierqa għall-ħtiġijiet tagħhom. Għalhekk, x'aktarx li javviċinaw lis-sewwejja indipendenti **u professjonali** fil-viċinanza tagħhom jew lill-bejjiegħ qabel ma jikkuntattjaw produtturi li jistgħu, pereżempju, jkunu jinsabu f' distanza akbar u li għalihom il-prezz jista' jkun oġhla minħabba l-kostijiet



tat-trasport.

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Sabiex titħeġġeġ it-tiswija, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-eżistenza ta' mill-anqas pjattaforma online waħda li tippermetti lill-konsumaturi jfittxu sewwejjja xierqa fit-territorju tagħhom. Dik il-pjattaforma tista' tkun pjattaforma eżistenti jew operata privatament, jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Dik il-pjattaforma jenħtieġ li tinkludi għodod ta' paragon faċli għall-utent u indipendenti li jassistu lill-konsumaturi fil-valutazzjoni u t-tqabbil tal-merti ta' fornituri differenti ta' servizzi ta' tiswija, biex b'hekk il-konsumaturi jiġu inċentivati jsewwu minflok jixtru oġġetti ġodda. Filwaqt li dik il-pjattaforma għandha l-għan li tiffaċilita t-tfittxija għal servizzi ta' tiswija fir-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi, l-Istati Membri huma liberi li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha wkoll biex jinkludi relazzjonijiet bejn in-negozji ***kif ukoll inizzjattivi ta' tiswija mmexxija mill-komunità.***

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Premessa 23

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess faċli

#### *Emenda*

(21) Sabiex titħeġġeġ it-tiswija, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw l-eżistenza ta' mill-anqas pjattaforma online waħda li tippermetti lill-konsumaturi jfittxu sewwejjja xierqa fit-territorju tagħhom ***u fejn eżistenti, inizzjattivi ta' tiswija mill-komunità, bħall-kafetteriji tat-tiswija.*** Dik il-pjattaforma tista' tkun pjattaforma eżistenti jew operata privatament, jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. Dik il-pjattaforma jenħtieġ li tinkludi għodod ta' paragon faċli għall-utent u indipendenti li jassistu lill-konsumaturi fil-valutazzjoni u t-tqabbil tal-merti ta' fornituri differenti ta' servizzi ta' tiswija, ***kif ukoll inizzjattivi ta' tiswija mmexxija mill-komunità,*** biex b'hekk il-konsumaturi jiġu inċentivati jsewwu minflok jixtru oġġetti ġodda. Filwaqt li dik il-pjattaforma għandha l-għan li tiffaċilita t-tfittxija għal servizzi ta' tiswija fir-relazzjonijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi, l-Istati Membri huma liberi li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha wkoll biex jinkludi relazzjonijiet bejn in-negozji.

għall-pjattaforma online li tippermettilhom isibu servizzi ta' tiswija xierqa għall-oġġetti difettużi tagħhom. Il-pjattaforma online jenħtieġ li tkun aċċessibbli wkoll għall-konsumaturi vulnerabbli, inklużi l-persuni b' diżabilità, f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni *relatata mal-aċċessibilità*.

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Premessa 24

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Il-funzjoni tat-tiftix ibbażata fuq il-prodotti tista' tirreferi għat-tip ta' prodott jew il-marka kummerċjali. Peress li s-sewwejja ma jistgħux ikunu jafu d-difett speċifiku qabel ma jitolbu t-tiswija, ikun biżżejjed li fuq il-pjattaforma online jipprovdu informazzjoni ġenerika dwar l-elementi ewlenin tas-servizzi ta' tiswija biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk isewwux l-oġġett inkwistjoni, b'mod partikolari ż-żmien medju biex iwettqu t-tiswija, id-disponibbiltà ta' oġġetti ta' sostituzzjoni temporanja, il-post fejn il-konsumatur jibgħat l-oġġetti għat-tiswija u d-disponibbiltà ta' servizzi anċillari. Is-sewwejja jenħtieġ li jitħeġġu jaġġornaw l-informazzjoni tagħhom fuq il-pjattaforma online b'mod regolari. Sabiex tinbena l-fiduċja tal-konsumatur fis-servizzi ta' tiswija disponibbli fuq il-pjattaforma online, jenħtieġ li s-sewwejja jkunu jistgħu juru l-konformità tagħhom ma' ċerti standards ta' tiswija.

## Emenda 18

għall-pjattaforma online *bla ħlas*, li tippermettilhom isibu servizzi ta' tiswija xierqa għall-oġġetti difettużi tagħhom. Il-pjattaforma online jenħtieġ li tkun aċċessibbli wkoll għall-konsumaturi vulnerabbli, inklużi l-persuni b' diżabilità, f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni *dwar l-aċċessibilità*.

#### *Emenda*

(24) Il-funzjoni tat-tiftix ibbażata fuq il-prodotti tista' tirreferi għat-tip ta' prodott jew il-marka kummerċjali. Peress li s-sewwejja ma jistgħux ikunu jafu d-difett speċifiku qabel ma jitolbu t-tiswija, ikun biżżejjed li fuq il-pjattaforma online jipprovdu informazzjoni ġenerika dwar l-elementi ewlenin tas-servizzi ta' tiswija biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk isewwux l-oġġett inkwistjoni, b'mod partikolari ż-żmien medju biex iwettqu t-tiswija, id-disponibbiltà ta' oġġetti ta' sostituzzjoni temporanja, il-post fejn il-konsumatur jibgħat l-oġġetti għat-tiswija *jew il-mezz li bih jibgħathom* u d-disponibbiltà ta' servizzi anċillari. Is-sewwejja jenħtieġ li jitħeġġu jaġġornaw l-informazzjoni tagħhom fuq il-pjattaforma online b'mod regolari. Sabiex tinbena l-fiduċja tal-konsumatur fis-servizzi ta' tiswija disponibbli fuq il-pjattaforma online, jenħtieġ li s-sewwejja jkunu jistgħu juru l-konformità tagħhom ma' ċerti standards ta' tiswija *u l-konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jikklassifikaw is-servizz ta' tiswija*.



**Proposta għal direttiva  
Premessa 24a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(24a) Kull Stat Membru jenħtieġ li jistabilixxi portal tal-internet ewlieni, li jaġixxi bħala punt uniku ta' servizz b'mod faċli għall-konsumatur, li jipprovdi aċċess, bla ħlas, għall-pjattaforma jew pjattaformi online nazzjonali u għal informazzjoni dwar it-tiswija, inklużi d-drittijiet legali tal-konsumaturi. L-aċċess faċli għall-pjattaforma online se jkollu rwol importanti biex jgħin fit-tibdil tal-kultura tat-tiswija fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiżguraw li jiġu organizzati kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati, li huma kruċjali biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jsiru familjari mal-eżistenza ta' tali portal u pjattaforma online. Sa fejn ikun possibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-ħtiġijiet speċjali tal-persuni b'diżabilità.**

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(26) Sabiex jiġi promoss il-konsum sostenibbli ta' oġġetti f'sitwazzjonijiet barra mir-responsabbiltà tal-bejgiegħ, jenħtieġ li l-pjattaforma online tippromwovi wkoll oġġetti soġġetti għar-rikondizzjonar bħala alternattiva għat-tiswija jew għax-xiri ta' oġġetti ġodda. Għal dak l-għan, il-pjattaforma online jenħtieġ li tinkludi funzjonalità li tippermetti lill-konsumaturi jsibu bejgiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rikondizzjonar jew negozji li jixtru oġġetti difettużi għal skopijiet ta' rikondizzjonar, b'mod partikolari billi tippermetti funzjoni ta'

(26) Sabiex jiġi promoss il-konsum sostenibbli ta' oġġetti f'sitwazzjonijiet barra mir-responsabbiltà tal-bejgiegħ, jenħtieġ li l-pjattaforma online tippromwovi wkoll oġġetti soġġetti għar-rikondizzjonar bħala alternattiva għat-tiswija jew għax-xiri ta' oġġetti ġodda. Għal dak l-għan, il-pjattaforma online jenħtieġ li tinkludi funzjonalità li tippermetti lill-konsumaturi jsibu bejgiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rikondizzjonar jew negozji li jixtru oġġetti difettużi għal skopijiet ta' rikondizzjonar, b'mod partikolari billi tippermetti funzjoni ta'

tiftix għal kull kategorija ta' prodott. Tali bejjiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rikondizzjonar jew xerrejja ta' oġġetti difettużi għar-rikondizzjonar jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-pjattaforma abbażi tal-istess prinċipji u speċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għall-funzjonalità tat-tiswija.

tiftix għal kull kategorija ta' prodott. Tali bejjiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rikondizzjonar jew xerrejja ta' oġġetti difettużi għar-rikondizzjonar jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-pjattaforma abbażi tal-istess prinċipji u speċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għall-funzjonalità tat-tiswija. ***L-aċċess għall-pjattaforma online jenħtieġ li ma jintużax bħala opportunità għall-promozzjoni jew għall-bejgħ ta' oġġetti ġodda.***

## Emenda 20

### Proposta għal direttiva Premessa 26a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(26a) Il-kost tat-tiswija ġie identifikat bħala l-ostaklu ewlieni li jipprevjeni lill-konsumaturi milli jmorru għal din l-għażla barra mir-responsabbiltà tal-bejjiegħ prevista skont id-Direttiva (UE) 2019/771. Sabiex tiġi indirizzata din il-problema, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa biex jistabbilixxu inċentivi finanzjarji u fiskali li jippermettu lill-konsumaturi jitolbu lura parti mill-kostijiet tat-tiswija, u b'hekk jagħmluha għażla aktar attraenti. Dawn il-miżuri ta' inċentivar jistgħu jieħdu l-forma ta' rati aktar baxxi tal-VAT, vawċers tat-tiswija jew taxxi mnaqqsa fuq is-servizzi u x-xogħol sabiex ikomplu jinċentivaw lill-klijenti biex jagħżlu oġġett li jissewwa minflok ma jiġi sostitwit. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju peress li n-negozji tagħhom huma parti vitali mill-katina tat-tiswija.***

## Emenda 21

**Proposta għal direttiva  
Premessa 33a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(33a) It-trawwim tal-possibbiltà ta' tiswija fil-livell tal-Unjoni jirrikjedi taħlita intelliġenti ta' miżuri. Din id-Direttiva tista' tkun akkumpanjata minn inizjattivi oħra biex jiġi miġġieled in-nuqqas ta' ħiliet ħalli jiġi żgurat li s-servizzi ta' tiswija fi ħdan l-Unjoni jkunu jistgħu jiġu pprovduti fil-futur, li jenħtieġ li jitqiesu wkoll fil-kuntest tal-edukazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni, speċjalment l-importanza tal-edukazzjoni vokazzjonali f'dan ir-rigward.**

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva  
Premessa 33b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(33b) L-imġiba tal-konsumatur hija msawra minn varjetà wiesgħa ta' aspetti. Fl-għażla bejn tiswija u xiri ġdid, il-kriterji ta' deċiżjoni bħall-effiċjenza ekonomika, id-durabbiltà, il-prossimità ta' servizz ta' tiswija, u l-ħin meħtieġ għandhom rwol importanti. Minbarra d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, miżuri ta' sensibilizzazzjoni għal kultura ta' tiswija, it-titjib tal-għarfien tal-konsumaturi dwar il-manutenzjoni u l-kura xierqa tal-prodotti, u t-titjib tal-għarfien tal-konsumaturi dwar id-drittijiet eżistenti fir-rigward tal-garanziji legali jistgħu jissaħħu biex tingħata spinta lid-domanda għal servizzi ta' tiswija.**

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni li jippromwovu ***t-tiswija*** ta' oġġetti, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, filwaqt li tipprevedi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-ambjent.

*Emenda*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni li jippromwovu ***u jsaħħu d-dritt għat-tiswija*** ta' oġġetti, ***u l-aċċessibbiltà tas-settur tat-tiswija*** bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, filwaqt li tipprevedi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-ambjent ***kif ukoll aktar ċirkolarità fl-ekonomija.***

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. “sewwej” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, relatata mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni ta' dik il-persuna, tipprovdi servizz ta' tiswija, inklużi produtturi u bejjiegħa li jipprovdu servizzi ta' tiswija u fornituri ta' servizzi ta' tiswija kemm jekk indipendenti kif ukoll jekk affiljati ma' tali produtturi jew bejjiegħa;

*Emenda*

2. “sewwej” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, relatata mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni ta' dik il-persuna, tipprovdi servizz ta' tiswija, inklużi produtturi u bejjiegħa li jipprovdu servizzi ta' tiswija u fornituri ta' servizzi ta' tiswija kemm jekk ***sewwejja*** indipendenti, ***sewwejja professjonali*** kif ukoll jekk affiljati ma' tali produtturi jew bejjiegħa;

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***7a. “suq online” tfisser suq online kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (55), tar-Regolament [dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli];***

## Emenda 26

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Għall-produtturi obbligati li jsewwu bis-saħħa tal-Artikolu 5, il-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija għandha tiġi pprovduta lill-konsumatur malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard minn 14-il jum kalendarju wara t-talba tal-konsumatur. Għal dawn il-produtturi l-paragrafu 3 ma għandux ikun applikabbli u l-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas lill-konsumatur.**

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Is-sewwej jista' jitlob lill-konsumatur iħallas ***l-ispejjeż*** meħtieġa li jġarrab is-sewwej biex jipprovdi l-informazzjoni inkluża fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija.

***Għal każijiet fejn tkun meħtieġa spezzjoni fiżika tal-prodott li jrid jissewwa, is-sewwej jista' jitlob lill-konsumatur iħallas il-kostijiet raġonevoli u nondiskriminatorji*** meħtieġa li jġarrab is-sewwej biex jipprovdi l-informazzjoni inkluża fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija. ***Il-kostijiet jistgħu jiġu mnaqqsa mill-ammont totali tas-servizz ta' tiswija.***

## Emenda 28

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) il-prezz jew, jekk il-prezz ma jistax jiġi kkalkulat raġonevolment bil-quddiem, il-mod li bih il-prezz għandu jiġi kkalkulat u l-prezz massimu għat-tiswija;

*Emenda*

(e) il-prezz, **meta fattibbli speċifikat għal kull kost inkluż iżda mhux limitat għall-kostijiet lavorattivi, il-kostijiet għal kull parti ta' rikambju, oriġinali, kompatibbli jew użata, meħtieġa jew possibbilment meħtieġa u, meta applikabbli l-kostijiet tal-konsenja** jew, jekk il-prezz ma jistax jiġi kkalkulat raġonevolment bil-quddiem, il-mod li bih il-prezz għandu jiġi kkalkulat, **il-prezz stmat** u l-prezz massimu għat-tiswija;

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) iż-żmien stmat meħtieġ biex titlesta t-tiswija;

*Emenda*

(f) iż-żmien stmat meħtieġ biex titlesta t-tiswija **u meta applikabbli iż-żmien stmat tal-konsenja tal-oġġett**;

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) id-disponibbiltà ta' oġġetti ta' sostituzzjoni temporanja matul iż-żmien tat-tiswija u l-kostijiet ta' sostituzzjoni temporanja, jekk ikun hemm, għall-konsumatur;

*Emenda*

(g) id-disponibbiltà ta' oġġetti ta' sostituzzjoni temporanja, **inklużi prodotti rikondizzjonati**, matul iż-żmien tat-tiswija u l-kostijiet ta' sostituzzjoni temporanja, jekk ikun hemm, għall-konsumatur **kif ukoll kif jitlob u jirċievi l-oġġett ta' sostituzzjoni**;

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**

## Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

(h) il-post fejn il-konsumatur jgħaddi l-oġġetti għat-tiswija,

*Emenda*

(h) il-post fejn il-konsumatur jgħaddi l-oġġetti għat-tiswija ***jew, meta applikabbli, kif jibgħat l-oġġetti għat-tiswija lis-sewwej u l-kost, jekk ikun hemm, tal-konsenja għall-konsumatur;***

## Emenda 32

### Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Is-sewwej ma għandux ibiddel il-kundizzjonijiet tat-tiswija speċifikati fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija għal perjodu ta' 30 jum kalendarju mid-data li fiha dik il-formola tkun ġiet ipprovduta lill-konsumatur, ***sakemm is-sewwej u l-konsumatur ma jkunux qablu mod ieħor.*** Jekk jiġi konkluż kuntratt għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija ***fi żmien*** il-perjodu ***ta' 30 jum***, il-kundizzjonijiet ta' tiswija speċifikati fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija għandhom jikkostitwixxu parti integrali minn dak il-kuntratt.

*Emenda*

5. Is-sewwej ma għandux ibiddel il-kundizzjonijiet tat-tiswija speċifikati fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija għal perjodu ta' ***mill-anqas*** 30 jum kalendarju mid-data li fiha dik il-formola tkun ġiet ipprovduta lill-konsumatur. ***Għandu jkun ċar mill-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija għal kemm-il jum kalendarju huma validi l-kundizzjonijiet.*** Jekk jiġi konkluż kuntratt għall-forniment ta' servizzi ta' tiswija ***f'dak*** il-perjodu, il-kundizzjonijiet ta' tiswija speċifikati fil-Formola Ewropea ta' Informazzjoni dwar it-Tiswija għandhom jikkostitwixxu parti integrali minn dak il-kuntratt.

## Emenda 33

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq talba tal-konsumatur, il-produttur għandu jsewwi, ***bi ħlas***, b'xejn jew għal kwalunkwe tip ta' kunsiderazzjoni

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fuq talba tal-konsumatur, il-produttur għandu jsewwi, b'xejn jew ***bi prezz raġonevoli u nondiskriminatorju***

oħra, oġġetti li r-rekwiżiti ta' tiswija tagħhom huma previsti fl-atti legali tal-Unjoni elenkati fl-Anness II. Il-produttur **ma għandux ikun obligat li jsewwi tali oġġetti meta t-tiswija tkun impossibbli**. Il-produttur jista' jissottokuntratta t-tiswija sabiex jissodisfa l-obbligu tiegħu li jsewwi.

jew għal kwalunkwe tip ta' kunsiderazzjoni oħra, oġġetti li r-rekwiżiti ta' tiswija tagħhom huma previsti fl-atti legali tal-Unjoni elenkati fl-Anness II. Il-produttur **jista' joffri lill-konsumatur b'oġġett ta' sostituzzjoni, inklużi oġġetti rikondizzjonati, għat-tul taż-żmien tat-tiswija**. Il-produttur jista' jissottokuntratta t-tiswija sabiex jissodisfa l-obbligu tiegħu li jsewwi.

## Emenda 34

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **1a. Il-produtturi ma għandhomx:**

- (a) **jirrifjutaw it-tiswija ta' apparat għar-raġuni biss li dan ikun ġie msewwi minn sewwej indipendenti jew professjonali jew meta tkun saret tiswija preċedenti bl-użu ta' partijiet ta' rikambju mhux oriġinali iżda kompatibbli u ma għandhom jimplimentaw l-ebda limitu kuntrattwali, ta' hardware jew software għal tiswijiet tal-oġġetti tagħhom minn sewweġja indipendenti jew professjonali;**
- (b) **ikunu obligati li jsewwu tali oġġetti meta t-tiswija tkun fattwalment jew legalment impossibbli.**

## Emenda 35

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Meta l-produttur li jkun obligat li jsewwi skont il-paragrafu 1 **jkun** stabbilit barra mill-Unjoni, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fl-Unjoni għandu jwettaq

2. Meta l-produttur li jkun obligat li jsewwi skont il-paragrafu 1 **ikun** stabbilit barra mill-Unjoni, ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fl-Unjoni għandu jwettaq



l-obbligu tal-produttur. Meta l-produttur ma jkollu l-ebda rappreżentant awtorizzat fl-Unjoni, l-importatur tal-oġġett ikkonċernat għandu jwettaq l-obbligu tal-produttur. Jekk ma jkun hemm l-ebda importatur, id-distributur tal-oġġett ikkonċernat għandu jwettaq l-obbligu tal-produttur.

l-obbligu tal-produttur. Meta l-produttur ma jkollu l-ebda rappreżentant awtorizzat fl-Unjoni, l-importatur tal-oġġett ikkonċernat għandu jwettaq l-obbligu tal-produttur. Jekk ma jkun hemm l-ebda importatur, id-distributur tal-oġġett ikkonċernat għandu jwettaq l-obbligu tal-produttur. **Meta ma jkun hemm l-ebda distributur, il-bejgiegħ bl-imnut jew is-suq online li jippermetti lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod għandu jwettaq l-obbligu tal-produttur. L-operatur ekonomiku li jwettaq l-obbligu ta' tiswija għandu jwettaq it-tiswija fl-Unjoni jew, jekk ikun mehtiegħ li jwettaq it-tiswija barra mill-Unjoni, b'mod li ma jirriżultax f'ħin ta' stennija itwal għall-oġġett imsewwi jew kostijiet miżjuda għall-konsumatur, inklużi ż-żmien u l-kostijiet għat-trasport.**

## Emenda 36

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-produtturi għandhom jiżguraw li **s-sewweġja** indipendenti **jkollhom** aċċess għal partijiet ta' rikambju u għal informazzjoni u għodod relatati mat-tiswija f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni elenkati fl-Anness II.

*Emenda*

3. Il-produtturi għandhom jiżguraw li, **għal mill-anqas it-tul tal-ħajja mistenni tal-prodott, is-sewweġja** indipendenti **u professjonali, ir-rinnovaturi, u meta jkun xieraq l-utenti finali, ikollhom** aċċess għal partijiet ta' rikambju, **inklużi partijiet oriġinali jew partijiet derivati miż-żarmar ta' partijiet li ma jissewwewx f'konformità mal-atti leġislattivi tal-Unjoni dwar it-tiswija**, u għal informazzjoni, **istruzzjonijiet** u għodod relatati mat-tiswija, **inkluż, meta rilevanti, għodod ta' dijanjożi u aċċess għad-data, bi prezz raġonevoli u nondiskriminatorju**, f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni elenkati fl-Anness II **mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni ta' informazzjoni sensitiva u sigrieti kummerċjali previsti fid-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament**

*Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>.*

---

*<sup>1a</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konozzenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1).*

## **Emenda 37**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a. Il-produtturi għandhom jagħmlu disponibbli fuq is-siti web tagħhom l-informazzjoni relatata mat-tiswija, bħal stimi tal-prezzijiet tat-tiswija u l-prezzijiet tal-partijiet ta' rikambju f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni elenkati fl-Anness II. Il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-proċess ta' evalwazzjoni tagħha skont [l-Artikolu 8a] tivvaluta l-evalwazzjoni tal-prezzijiet tat-tiswijiet.*

## **Emenda 38**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3b. Meta l-partijiet ta' rikambju ma jibqgħux aktar disponibbli, il-produttur, bl-eċċezzjoni tal-SMEs, għandu, meta rilevanti, jipprova f'format elettroniku, wara talba ġustifikata li tiddeskrivi l-użu speċifiku tal-informazzjoni u li tqis il-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata s-sikurezza tal-prodott, l-informazzjoni u l-*

*istruzzjonijiet meħtieġa għall-istampar 3D tal-partijiet ta' rikambju, mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva u sigrieti kummerċjali previsti fid-Direttiva (UE) 2016/943.*

## Emenda 39

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 biex temenda l-Anness II billi taġġorna l-lista ta' atti legali tal-Unjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' tiswija fid-dawl tal-iżviluppi leġiżlattivi.

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 biex temenda l-Anness II billi taġġorna l-lista ta' atti legali tal-Unjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' tiswija fid-dawl tal-iżviluppi leġiżlattivi. ***Meta oġġett ġdid ikun kopert minn rekwiżit leġiżlattiv tal-Unjoni dwar il-possibbiltà ta' tiswija, il-Kummissjoni għandha tadotta tali att delegat fi żmien sena.***

## Emenda 40

### Proposta għal direttiva Artikolu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 5a*

*Id-dritt tal-konsumaturi għat-tiswija*

1. ***Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jfittxu tiswija ta' kwalità u bi prezz raġonevoli mill-fornitur tal-għażla tagħhom.***

2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkunu jistgħu jaċċessaw is-servizzi tat-tiswija, jew mill-produttur jew mis-sewwejja awtorizzati u mis-sewwejja indipendenti, biex jirrestawraw oġġett difettuż għal kundizzjoni fejn jissodisfa l-***

*użu maħsub tiegħu, u bil-għan aħħari li jestendu t-tul tal-ħajja tiegħu.*

**3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw kompetizzjoni ġusta fis-settur tat-tiswija billi jiżguraw aċċess nondiskriminatorju bi prezz raġonevoli għall-partijiet ta' rikambju, meta applikabbli, l-għodod ta' dijanjożi kif ukoll għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, għall-atturi kollha tas-settur tat-tiswija.**

**4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprojbixxu prattiki minn produtturi li jipprevjenu lill-konsumaturi milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għat-tiswija.**

## Emenda 41

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-obbligu tagħhom li jsewwu skont l-Artikolu 5 jipprovdu informazzjoni dwar is-servizzi ta' tiswija b' mod faċilment aċċessibbli, ċar u li jinftiehem, **pereżempju** permezz tal-pjattaforma online msemmija fl-Artikolu 7.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-obbligu tagħhom li jsewwu skont l-Artikolu 5 **u** jipprovdu informazzjoni dwar is-servizzi ta' tiswija b' mod faċilment aċċessibbli, ċar u li jinftiehem, permezz tal-pjattaforma online msemmija fl-Artikolu 7, **is-siti web tagħhom u fil-punt tal-bejgħ.**

## Emenda 42

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-informazzjoni dwar l-obbligi għandha tinstab ukoll fuq passaport diġitali tal-prodotti li jinkludi informazzjoni u oriġini tal-partijiet, u linji**

*gwida għat-tiswija. Meta possibbli, il-passaport diġitali tal-prodotti għandu jinkludi linji gwida ta' awtotiswija, informazzjoni dwar il-partijiet ta' rikambju u l-għodod meħtieġa filwaqt li jitqiesu s-sikurezza u l-għarfien t-tekniku meħtieġa għat-tiswija. Il-linji gwida għandhom jindikaw b'mod ċar f'każ li l-awtotiswija ma tkunx irrakkomandata.*

#### **Emenda 43**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1b.** *L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni biex jinfurmaw lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva (UE) 2019/771 kif ukoll dwar id-dritt għat-tiswija, inklużi l-obbligi fuq il-produtturi, kif stabbilit skont din id-Direttiva.*

#### **Emenda 44**

##### **Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun teżisti mill-anqas pjattaforma online waħda għat-territorju tagħhom li tippermetti lill-konsumaturi jsibu sewwejja. Dik il-pjattaforma għandha:

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun teżisti mill-anqas pjattaforma online waħda għat-territorju tagħhom li tippermetti lill-konsumaturi jsibu sewwejja **u inizjattivi ta' tiswija mill-komunità bħall-kafetteriji tat-tiswija**. Dik il-pjattaforma għandha:

#### **Emenda 45**

##### **Proposta għal direttiva**

## Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) **jinkludu** funzjonijiet ta' tiftix fir-rigward ta' oġġetti, il-post tas-servizzi ta' tiswija, il-kundizzjonijiet tat-tiswija, inkluż il-ħin meħtieġ biex titlesta t-tiswija, id-disponibbiltà ta' oġġetti ta' sostituzzjoni temporanja u l-post fejn il-konsumatur jgħaddi l-oġġetti għat-tiswija, id-disponibbiltà u l-kundizzjonijiet ta' servizzi anċillari, inklużi l-ġarr, l-installazzjoni u t-trasport, offruti mis-sewwejja, u l-istandards ta' kwalità Ewropej jew nazzjonali applikabbli;

### Emenda 46

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

### Emenda 47

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

### Emenda 48

#### Proposta għal direttiva

*Emenda*

(a) **tinkludi** funzjonijiet ta' tiftix fir-rigward ta' oġġetti, il-post tas-servizzi ta' tiswija, **inkluża funzjoni bbażata fuq il-mapep**, il-kundizzjonijiet tat-tiswija, inkluż il-ħin meħtieġ biex titlesta t-tiswija, id-disponibbiltà ta' oġġetti ta' sostituzzjoni temporanja u l-post fejn il-konsumatur jgħaddi l-oġġetti għat-tiswija **jew il-mezz li bih jgħaddihom**, id-disponibbiltà u l-kundizzjonijiet ta' servizzi anċillari, inklużi l-ġarr, l-installazzjoni u t-trasport, offruti mis-sewwejja, u l-istandards ta' kwalità Ewropej jew nazzjonali applikabbli;

*Emenda*

(da) **tippermetti lill-konsumaturi jikklassifikaw is-sewwejja jew jikkummentaw fuqhom;**

*Emenda*

(fa) **tkun faċli għall-utent u intuwittiva għall-konsumaturi, speċjalment għall-anzjani:**

## Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fb) tiżgura li l-informazzjoni tkun faċilment aċċessibbli u aġġornata.**

## Emenda 49

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaforma online tinkludi wkoll funzjoni ta' tiftix skont il-kategorija tal-prodott biex jinstabu bejjiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rikondizzjonar u xerrejja ta' oġġetti difettużi għar-rikondizzjonar.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjattaforma online tinkludi wkoll funzjoni ta' tiftix skont il-kategorija tal-prodott biex jinstabu bejjiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rikondizzjonar u xerrejja ta' oġġetti difettużi għar-rikondizzjonar. ***Is-sewwejja li jbigħu wkoll oġġetti ġodda ma għandhomx jippromwovuhom permezz tal-pjattaforma online.***

## Emenda 50

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Ir-reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma online għas-sewwejja, kif ukoll għall-bejjiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rinnovazzjoni u għax-xerrejja ta' oġġetti difettużi għar-rinnovazzjoni, għandha tkun volontarja. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-aċċess għall-pjattaforma f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. L-użu tal-pjattaforma online għandu jkun mingħajr ħlas għall-konsumaturi.

3. Ir-reġistrazzjoni fuq il-pjattaforma online għas-sewwejja, kif ukoll għall-bejjiegħa ta' oġġetti soġġetti għal rinnovazzjoni u għax-xerrejja ta' oġġetti difettużi għar-rinnovazzjoni, għandha tkun volontarja. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-aċċess għall-pjattaforma f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. L-użu tal-pjattaforma online għandu jkun mingħajr ħlas għall-konsumaturi ***u għas-sewwejja.***

## Emenda 51

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a.** *L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati jipprevedu pjattaforma ġdida fejn diġà teżisti pjattaforma nazzjonali li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu.*

## Emenda 52

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b.** *L-Istati Membri għandhom jistabilixxu portal tal-internet nazzjonali li jinqara mill-magni li permezz tiegħu l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jaċċessaw bla ħlas il-pjattaforma jew il-pjattaformi online kif stabbilit f'konformità mal-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-portal jipprovdi informazzjoni relatata mat-tiswija tal-Unjoni u nazzjonali b'mod faċli għall-konsumatur. Din l-informazzjoni għandha tinkludi ħarsa ġenerali lejn id-drittijiet legali tal-konsumaturi rigward it-tiswija ta' prodott u d-dettalji ta' kuntatt tal-korpi għas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim rilevanti li jittrattaw l-ilmenti tal-konsumaturi, u, meta applikabbli, informazzjoni dwar inċentivi finanzjarji u fiskali biex jitnaqqsu l-kostijiet tat-tiswija;*

## Emenda 53

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 3c (ġdid)



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3c.** *L-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-Kummissjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-konsumaturi jkunu konxji tal-eżistenza tas-servizzi offruti mill-pjattaforma online u l-portal tal-internet u jkunu infurmati dwarhom, inkluż permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati u komprensivi u fil-punt tal-bejgħ.*

## **Emenda 54**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 7 – paragrafu 3d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3d.** *L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-links tal-portal u l-pjattaformi online eżistenti għat-tiswija fit-territorju tagħhom sa ... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u l-link ta' kull pjattaforma online ġdida għat-tiswija fi żmien xahar mit-tnedija tagħhom. Il-Kummissjoni għandha żżomm bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku, faċilment aċċessibbli u li tinqara mill-magni tal-pjattaformi online għat-tiswija rreġistrati fi ħdan l-Istati Membri.*

## **Emenda 55**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 7a**

**Inċentivi għat-tiswija**

**1.** *L-Istati Membri għandhom jieħdu*

*miżuri xierqa biex jappoġġaw tiswija bi prezz raġonevoli għall-konsumaturi. Tali miżuri jistgħu jinkludu, iżda mhux limitati biss għal, inċentivi fiskali u finanzjarji biex it-tiswija ssir aktar attraenti għall-konsumaturi.*

*2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa biex jgħinu lill-intrapriżi mikro, iżgħar u ta' daqs medju skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/362/KE biex japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva.*

*3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa biex jappoġġaw it-taħriġ fit-tiswija fl-Unjoni ħalli jiġi miġġieled in-nuqqas ta' hiliel bil-għan li jiġu iżgurati servizzi ta' tiswija fil-futur.*

*4. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-aħjar prattiċi fir-rigward tal-miżuri meħuda skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawn disponibbli għall-pubbliku.*

*5. Sa [3 snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tivvaluta l-effettività tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri fil-promozzjoni tat-tiswija fit-territorji tagħhom.*

## **Emenda 56**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 8a*

*Evalwazzjoni*

*Sa ... [4 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari tivvaluta l-impatt*

*tagħha, fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur, l-impatt tagħha fuq in-negozji, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u t-titjib tal-konsum sostenibbli tal-prodotti. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar is-sejbiet ewlenin tagħha u tissottomettih lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva u valutazzjoni tal-impatt.*

## Emenda 57

### Proposta għal direttiva Anness I – Tabella 2 – Ringiela 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-prezz tat-tiswija jew, jekk ma jistax jiġi kkalkulat, il-metodu ta' kalkolu applikabbli u ***l-ogħla prezz tat-tiswija***

[Dan ifisser l-ammont totali jew, jekk mhux possibbli, il-metodu ta' kalkolu u l-limitu massimu għas-servizz tat-tiswija, ***f'EUR/munita*** nazzjonali]

*Emenda*

Il-prezz ***totali*** tat-tiswija ***u, meta fattibbli, lista tal-kostijiet dettaljati għall-kostijiet kollha*** jew, jekk ma jistax jiġi kkalkulat, il-metodu ta' kalkolu applikabbli, ***il-prezz stmat*** u ***l-prezz massimu għat-tiswija***

[Dan ifisser l-ammont totali ***u, meta fattibbli, il-kost għal kull kost (inkluż iżda mhux limitat biss għall-kostijiet lavorattivi, il-kostijiet għal kull parti ta' rikambju meħtieġa jew possibbilment meħtieġa u l-kostijiet tal-konsenja)*** jew, jekk mhux possibbli, il-metodu ta' kalkolu, ***il-prezz totali stmat*** u l-limitu massimu għas-servizz tat-tiswija, ***f'euro jew fil-munita*** nazzjonali]

## Emenda 58

### Proposta għal direttiva Anness I – Tabella 2 – Ringiela 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

Post *tat-tiswija*

[Il-post fejn *issir it-tiswija mis-sewwej*, pereżempju, fir-residenza tal-konsumatur, il-post tal-faċilità tat-tiswija jew *xi mkien ieħor*]

*Emenda*

*Post jew mezz ta' trasferiment għat-tiswija*

[Il-post fejn *il-konsumatur jgħaddi l-oġġett għat-tiswija jew il-mezz li bih jgħaddih*, pereżempju, fir-residenza tal-konsumatur jew il-post tal-faċilità tat-tiswija, *jew il-mezz li bih jibgħat l-oġġett lis-sewwej*]

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊEVJET INPUT**

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mill-entitajiet jew persuni li ġejjin fit-tħejja tal-abbozz ta' rapport:

<b>Entità u/jew persuna</b>
APPLiA – Home Appliance Europe
Back Market
BEUC (L-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi)
BUSINESSEUROPE
DIGITALEUROPE
EUREFAS - l-assoċjazzjoni Ewropea għal rikondizzjonar
The Right to Repair Europe
SMEunited

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti u emenda tar-Regolament (UE) 2017/2394 u tad-Direttivi (UE) 2019/771 u (UE) 2020/1828
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0155 – C9-0117/2023 – 2023/0083(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 17.4.2023
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 17.4.2023
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	12.7.2023
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Sunčana Glavak 21.6.2023
<b>Eżami fil-kumitat</b>	4.9.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	12.10.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 81 –: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Catherine Amalric, Maria Arena, Margrete Auken, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Mohammed Chahim, Maria Angela Danzi, Esther de Lange, Christian Doleschal, Pietro Focchi, Helène Fritzon, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Martin Hojsík, Jan Huitema, Petros Kokkalis, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Nikos Papandreou, Jutta Paulus, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Frédérique Ries, Sándor Rónai, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Christine Schneider, Ivan Vilibor Sinčić, Nils Torvalds, Edina Tóth, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Matteo Adinolfi, João Albuquerque, Mercedes Bresso, Milan Brglez, Catherine Chabaud, Dacian Cioloș, Christophe Clergeau, Estrella Durá Ferrandis, Jens Gieseke, Romana Jerković, Radan Kanev, Ska Keller, Norbert Lins, Sara Matthieu, Manuela Ripa, Christel Schaldemose, Susana Solís Pérez, Grzegorz Tobiszowski, Nikolaj Villumsen
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rasmus Andresen, Pascal Arimont, Konstantinos Arvanitis, Alessandra Basso, Ana Collado Jiménez, Niclas Herbst, Ladislav Ilčić, Virginie Joron, Alice Kuhnke, Elżbieta Rafalska, Tineke Strik, Lucia Vuolo

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>81</b>	<b>+</b>
ECR	Pietro Fiocchi, Teuvo Hakkarainen, Ladislav Ilčić, Joanna Kopcińska, Elżbieta Rafalska, Grzegorz Tobiszowski, Alexandr Vondra
ID	Matteo Adinolfi, Alessandra Basso, Aurélie Beigneux, Catherine Griset, Virginie Joron, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone
NI	Maria Angela Danzi, Ivan Vilibor Sinčić, Edina Tóth
PPE	Pascal Arimont, Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Ana Collado Jiménez, Christian Doleschal, Jens Gieseke, Niclas Herbst, Radan Kanev, Ewa Kopacz, Esther de Lange, Peter Liese, Norbert Lins, Marian-Jean Marinescu, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Lucia Vuolo
Renew	Catherine Amalric, Pascal Canfin, Catherine Chabaud, Dacian Cioloș, Martin Hojsík, Jan Huitema, Erik Poulsen, Frédérique Ries, Susana Solís Pérez, Nils Torvalds, Emma Wiesner, Michal Wiezik
S&D	João Albuquerque, Maria Arena, Marek Paweł Balt, Mercedes Bresso, Milan Brglez, Delara Burkhardt, Mohammed Chahim, Christophe Clergeau, Estrella Durá Ferrandis, Helène Fritzon, Romana Jerković, César Luena, Alessandra Moretti, Nikos Papandreou, Sándor Rónai, Christel Schaldemose, Tiemo Wölken
The Left	Konstantinos Arvanitis, Malin Björk, Petros Kokkalis, Nikolaj Villumsen, Mick Wallace
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Margrete Auken, Ska Keller, Alice Kuhnke, Sara Matthieu, Tilly Metz, Ville Niinistö, Jutta Paulus, Manuela Ripa, Tineke Strik

<b>1</b>	<b>-</b>
ID	Sylvia Limmer

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

## PROCĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti u emenda tar-Regolament (UE) 2017/2394 u tad-Direttivi (UE) 2019/771 u (UE) 2020/1828		
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0155 – C9-0117/2023 – 2023/0083(COD)		
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	23.3.2023		
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 17.4.2023		
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 17.4.2023	JURI 17.4.2023	
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	JURI 26.6.2023		
<b>Kumitati assoċjati</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 12.7.2023		
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	René Repasi 18.4.2023		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	27.3.2023	18.7.2023	9.10.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	25.10.2023		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: –: 0:	38 2 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Laura Ballarín Cereza, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoş, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, Maria Grapini, Svenja Hahn, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Maria-Manuel Leitão-Marques, Antonius Manders, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, Miroslav Radačovský, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann		
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Geoffroy Didier, Malte Gallée, Claude Gruffat, Catharina Rinzema, Dominik Tarczyński, Stéphanie Yon-Courtin		
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eric Minardi		
<b>Data tat-tressiq</b>	30.10.2023		



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

38	+
ECR	Adam Bielan, Dominik Tarczyński
ID	Alessandra Basso, Eric Minardi
NI	Miroslav Radačovský
PPE	Pablo Arias Echeverría, Deirdre Clune, Geoffroy Didier, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann
Renew	Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoș, Dita Charanzová, Catharina Rinzema, Róża Thun und Hohenstein, Stéphanie Yon-Courtin
S&D	Alex Agius Saliba, Laura Ballarín Cereza, Brando Benifei, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Leszek Miller, René Repasi, Christel Schaldemose
The Left	Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Anna Cavazzini, Malte Gallée, Claude Gruffät, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak

2	-
ECR	Eugen Jurzyca
Renew	Svenja Hahn

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni